

Dan id-dokument għe magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B**

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 215/2008**

**tat-18 ta' Frar 2008**

**dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp**

(ĠU L 78, 19.3.2008, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <b><u>M1</u></b>	Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 370/2011 tal-11 ta' April 2011	L 102	1	16.4.2011



**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 215/2008**

**tat-18 ta' Frar 2008**

**dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati ta' l-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmit f'Kotonù fit-23 ta' Ġunju ta' l-2000 <sup>(1)</sup> u rivedut fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 <sup>(2)</sup> (il-“Ftehim AKP-KE”),

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/822/KE tas-27 ta' Novembru ta' l-2001 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u territorji barranin mal-Komunità Ewropea (l-“Overseas Association Decision”) <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari r-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 23 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1/2006 tal-Kunsill tal-Ministri AKP-KE tal-Kunsill tal-Ministri tat-2 ta' Ġunju 2006 li tispesifika l-kwadru finanzjarju pluriennali għall-perijodu bejn l-2008 u l-2013 u li jemenda l-Ftehim AKP-KE rivedut <sup>(4)</sup>,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, dwar il-finanzjament ta' l-ghajjnuna Komunitarja skond il-kwadru finanzjarju pluriennali għall-perijodu bejn l-2008 u l-2013 skond il-Ftehim AKP-KE u dwar l-allokazzjoni ta' l-ghajjnuna finanzjarja għall-Pajjiżi u Territorji Barranin li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat KE <sup>(5)</sup> (il-“Ftehim Intern”), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 617/2007 ta' l-14 ta' Mejju 2007 dwar l-implimentazzjoni ta' l-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp taħt il-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE <sup>(6)</sup>,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti ta' l-Awdituri <sup>(7)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ewropew ta' l-Investment,

<sup>(1)</sup> ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.

<sup>(2)</sup> ĠU L 287, 28.10.2005, p. 4.

<sup>(3)</sup> ĠU L 314, 30.11.2001, p. 1. Id-Deċiżjoni emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/249/KE (ĠU L 109, 26.4.2007, p. 33).

<sup>(4)</sup> ĠU L 247, 9.9.2006, p. 22.

<sup>(5)</sup> ĠU L 247, 9.9.2006, p. 32.

<sup>(6)</sup> ĠU L 152, 13.6.2007, p. 1.

<sup>(7)</sup> ĠU C 23, 28.01.2008, p. 2.

## ▼B

Billi:

- (1) Huwa meħtieġ li jiġu determinati r-regoli dettaljati għall-ħlas tal-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri għall-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp (“il-FEŻ”), li ġie stabbilit permezz tal-Ftehim Intern, u għall-allokazzjoni ta' l-għajjuna finanzjarja għall-Pajjiżi u t-Territorji Barranin li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat KE (“PTB”).
- (2) Għandhom jiġu stabbiliti regoli għat-trattament tal-bilanċi li jifdal mill-FEŻ preċedenti, b'mod partikolari rigward l-aranġamenti dettaljati għat-trasferiment tagħhom għall-10 FEŻ u r-regoli applikabbli għall-implimentazzjoni tagħhom, jew il-konsegwenzi tax-xoljiment mill-impenn tagħhom b'relazzjoni għall-kontribuzzjonijiet ta' l-Istati Membri.
- (3) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet skond liema l-Qorti ta' l-Awdituri għandha teżerċita s-setgħat tagħha rigward il-FEŻ.
- (4) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet li skondhom il-Bank Ewropew ta' l-Investment (“BEI”) jamministra r-riżorsi tal-FEŻ.
- (5) Id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-iskrutinju min-naħa tal-Qorti ta' l-Awdituri tar-riżorsi tal-FEŻ li huma amministrati mill-BEI għandhom ikunu konformi mal-Ftehim Tripartitiku li ġie konkluż bejn il-Qorti ta' l-Awdituri, il-BEI u l-Kummissjoni previst fl-Artikolu 248(4) tat-Trattat.
- (6) Huwa xieraq li tiġi żgurata l-eżekuzzjoni adegwata, fil-pront u effiċjenti tal-programmi u tal-proġetti ffinanzjati taħt il-Ftehim AKP-KE u li jiġu stabbiliti proċeduri ta' amministrazzjoni li jkunu trasparenti u faċli sabiex jiġu applikati, u li jiffaċilitaw id-deċentralizzazzjoni tal-kompiti u tar-responsabbiltajiet.
- (7) Il-partijiet għall-Ftehim AKP-KE reġġu affermaw l-impenn tagħhom għall-klawżoli soċjali u etiċi kif iddefiniti mill-Konvenzjonijiet ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol (ILO).
- (8) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti r-regoli dettaljati skond liema l-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni b'delega jistabbilixxi l-aranġamenti meħtieġa sabiex tkun żgurata l-eżekuzzjoni xierqa ta' l-operazzjonijiet b'koperazzjoni mill-qrib ma' l-Uffiċjal Nazzjonali ta' l-Awtorizzazzjoni.
- (9) Safejn ikun possibbli, f'dan ir-Regolament għandu jittieħed kont tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju ta' l-2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej<sup>(1)</sup>, bħala s-sies tar-riforma ta' l-amministrazzjoni interna tal-Kummissjoni, għal raġunijiet ta' effiċjenza u semplifikazzjoni. Jekk ikun xieraq ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej<sup>(2)</sup> għandu japplika *mutatis mutandis* f'ċerti każijiet.

<sup>(1)</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1525/2007 (ĠU L 343, 27.12.2007, p. 9).

<sup>(2)</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 478/2007 (ĠU L 111, 28.4.2007, p. 13).

## ▼B

- (10) Il-bidliet kollha b'paragun mar-Regolament Finanzjarju tas-27 ta' Marzu 2003 applikabbli għad-9 Fond Ewropew għall-Iżvilupp <sup>(1)</sup> għandhom jikkontribwixxu għall-kisba ta' l-oġġettivi tar-riformi tal-Kummissjoni, għandhom itejbu jew jiżguraw amministrazzjoni finanzjarja tajba, u għandhom ikabbru l-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità kontra l-frodi u attivitajiet illegali oħrajn, u b'hekk ikabbru l-legalità u r-regolarità ta' l-operazzjonijiet finanzjarji.
- (11) Uħud mill-bidliet b'paragun mar-Regolament Finanzjarju għad-9 FEŻ huma meħtieġa fid-dawl ta' l-esperjenza prattika sabiex tkun iffaċilitata l-implimentazzjoni tal-FEŻ u t-twettiq ta' l-oġġettivi sottostanti tal-politika u sabiex isir aġġustament għal uħud mir-rekwiżiti proċedurali u dokumentarji. B'mod partikolari, it-trasparenza għandha tiġi rinforzata billi tiġi prevista informazzjoni dwar il-benefiċjarji tal-fondi Komunitarji.
- (12) Il-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba għandu jimplika kontroll intern effettiv u effiċjenti għall-implimentazzjoni tar-riżorsi tal-FEŻ.
- (13) Rigward ir-riżorsi tal-FEŻ, għandu jsir possibbli għall-Istati Membri li jagħmlu kontribuzzjonijiet finanzjarji volontarji sabiex jgħinu sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE barra l-arranġamenti ta' kofinanzjament, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 617/2007.
- (14) Għall-FEŻ, għandu japplika l-prinċipju ta' speċifikazzjoni.
- (15) Rigward il-metodi ta' implimentazzjoni tar-riżorsi tal-FEŻ, id-dispożizzjonijiet dwar l-amministrazzjoni ċentralizzata, deċentralizzata u konġunta kif ġew stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju għad-9 FEŻ għandhom ikunu ristrutturati bl-oġġettiv li jkunu aktar ċari u wħud mir-rekwiżiti għandhom jiġu ċċarati aktar. B'mod partikolari, ir-rekwiżiti għal amministrazzjoni konġunta, il-kondizzjonijiet għad-delega tal-kompiti u l-kriterji sabiex jintużaw korpi nazzjonali tas-settur pubbliku għandhom ikunu simplifikati sabiex ikun iffaċilitat l-użu tagħhom u sabiex jirrispondu għal ħtiġijiet operattivi dejjem akbar.
- (16) Il-projbizzjoni tad-delega tal-kompiti implimentattivi lil korpi privati għandha tiġi aġġustata fir-rigward ta' l-amministrazzjoni ċentralizzata peress li t-termini ta' dik il-projbizzjoni irriżultaw li huma inutilment stretti. Għandu jkun possibbli li l-Kummissjoni tuża s-servizzi ta' aġenzija ta' l-ivjaġġar jew ta' organizzatur tal-konferenzi sabiex ikunu responabbli għar-rimborż ta' l-ispejjeż lill-parteċipanti fil-konferenzi, dment li wieħed joqgħod attent li jkun żgurat li ma jkun eżerċitat l-ebda poter diskrezzjonarju mill-kumpannija privata.
- (17) Rigward l-uffiċjal tal-kontabbiltà, ir-responsabbiltà tiegħu sabiex jiċċertifika l-kontabbiltà abbażi ta' l-informazzjoni finanzjarja provduta lil mill-uffiċjali ta' l-awtorizzazzjoni għandha tkun iċċarata aktar. Għal dan il-għan, l-uffiċjal tal-kontabbiltà għandu jingħata l-poter li jikkontrolla li l-informazzjoni li tasal għand l-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni b'delega u li jintroduċi riżervi, jekk ikun meħtieġ.
- (18) Il-kondizzjonijiet u l-limitazzjonijiet rigward ir-responsabbiltà finanzjarja ta' l-atturi finanzjarji kollha u ta' kwalunkwe persuna oħra involuta fl-implimentazzjoni tal-FEŻ għandhom ikunu ċċarati.

(<sup>1</sup>) ĠU L 83, 1.4.2003, p. 1.

## ▼B

- (19) Ir-regoli ta' l-irkupru ta' l-ammonti li jistgħu jinġabru għandhom ikunu ċċarati u msaħħa sabiex l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet ikunu mħarsa aħjar. B'mod partikolari, għandhom ikunu speċifikati l-kondizzjonijiet li fihom ikunu dovuti lill-FEŻ l-interessi fuq il-ħlasijiet tard.
- (20) Għandu jsir provvediment għall-perijodi ta' limitazzjoni dwar il-validità tal-pretensjonijiet. Il-Komunità, b'differenza għal ħafna mill-Istati Membri tagħha, mhix suġġetta għal perijodu ta' limitazzjoni li taħtu l-pretensjonijiet finanzjarji jiġu mitmuma wara ċertu perijodu ta' żmien. Il-Komunità lanqas mhi ristretta minn perijodu ta' limitazzjoni sabiex issegwi l-pretensjonijiet tagħha kontra terzi persuni. L-introduzzjoni ta' tali perijodi ta' limitazzjoni għandha tikkorrispondi għall-prinċipju ta' amminis-trazzjoni finanzjarja tajba.
- (21) F'konformità mar-Regolament Finanzjarju Ġenerali u d-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal fornimenti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi<sup>(1)</sup>, ir-regoli dwar l-esklużjoni minn proċedura ta' akkwist jeħtieġ li jiġu ċċarati. Għandha ssir distinzjoni ċara bejn esklużjoni mandatorja u esklużjoni abbażi ta' penali amministrattiva. Barra minn hekk, għal raġunijiet ta' ċertezza u ta' proporzjonalità legali, għandu jkun stabbilit perijodu massimu ta' esklużjoni. Tista' tkun prevista eċċezzjoni għar-regoli dwar l-esklużjoni rigward ix-xiri ta' fornimenti b'termini partikolarment vantaġġjużi jew minn fornitur li qiegħed jagħlaq b'mod definittiv l-attivitajiet kummerċjali tiegħu, jew mir-riċevituri jew mil-likwidaturi ta' falliment, arranġament ma' kredituri, jew proċedura simili skond il-liġi nazzjonali.
- (22) Huwa xieraq li jkun permess l-użu tad-*database* ċentrali li tikkonċerna l-kandidati jew dawk li jittgħu l-offerti għal xogħol b'appalt f'sitwazzjonijiet ta' esklużjoni stabbiliti skond ir-Regolament (KE, Eu ratom) Nru 1605/2002 fil-kuntest tal-FEŻ.
- (23) Rigward l-għotjiet, hu meħtieġ li jsiru xi kjarifiki fl-Artikolu 103, b'mod partikolari rigward il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. Sabiex tittejjeb l-amministrazzjoni ta' l-għotjiet u jkunu simplifikati l-proċeduri, għandu jkun possibbli l-għotjiet jingħataw jew permezz ta' deċiżjonijiet ta' l-istituzzjoni jew permezz ta' ftehim bil-miktub ma' benefiċjarji, u li jiġi awtorizzat l-użu ta' ħlasijiet b'somma li tingħata f'daqqa u b'rata fissa flimkien mal-metodu aktar tradizzjonali ta' rimborż ta' l-ispejjeż tabilħaq ikunu saru. Finalment, ir-rekwiżiti għall-kontrolli u għall-garanziji għandhom ikunu aktar proporzjonati għar-riskji finanzjarji involuti.
- (24) Ir-regola li l-għotjiet għandhom jingħataw abbażi ta' sejħiet għal proposti rriżultat siewja. Madankollu mill-esperjenza ntvera li f'ċerti sitwazzjonijiet in-natura ta' l-azzjoni ma tħalli l-ebda għażla fis-selezzjoni tal-benefiċjarji. Għalhekk għandu jkun rikonoxxut b'mod espliċitu li jistgħu jinqalgħu tali każijiet eċċezzjonali.
- (25) Fejn jingħataw għotjiet għal spejjeż kurrenti, irriżulta li r-regola li l-ftehim meħtieġ ma jistax jiġi ffirmat aktar tard minn erba' xhur wara l-bidu tas-sena finanzjarja tal-benefiċjarju kienet wisq riġida. Dik l-iskadenza għalhekk għandha tkun iffissata għal sitt xhur.

<sup>(1)</sup> ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1422/2007/KE (ĠU L 317, 5.12.2007, p. 34).

**▼B**

- (26) Ladarba l-għotjiet għandhom jibqgħu jingħataw abbażi ta' kriterji ta' għażla u ta' għoti, m'hemmx għalfejn daww il-kriterji jiġu evalwati fil-każijiet kollha minn kumitat. Għandhom ikunu permessi mezzi oħrajn aktar flessibbli għall-evalwazzjoni tal-kriterji ta' l-għażla.
- (27) Għal raġunijiet ta' ċarezza, ir-regoli dwar ir-rekwiżiti ta' akkwist li għandhom ikunu applikati mill-benefiċjarji ta' l-għotjiet għandhom ikunu ssimplifikati. Barra minn hekk, għandu jkun previt b'mod espliċitu il-każ fejn l-implimentazzjoni ta' azzjoni tkun teħtieġ appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT,



**WERREJ**

	Artikoli
L-EWWEL PARTI – DISPOŻIZZJONIJIET PRINĊIPALI	
TITOLU I – SUĠĠETT U KAMP TA' APPLIKAZZJONI .....	1–5
TITOLU II – PRINĊIPI FINANZJARJI .....	6
KAPITOLU 1 PRINĊIPJU TAL-PREĊIŻJONI FINANZJARJA .....	7–8
KAPITOLU 2 PRINĊIPJU TA' L-UNITÀ TAL-KONTABBILTÀ .....	9
KAPITOLU 3 PRINĊIPJU TA' SPEĊIFIKAZZJONI .....	10
KAPITOLU 4 PRINĊIPJU TA' AMMINISTRAZZJONI FINANZJARJA TAJBA .....	11–13
KAPITOLU 5 PRINĊIPJU TAT-TRASPARENZA .....	14
TITOLU III – RIŻORSI U KONTRIBUZZJONIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI	
KAPITOLU 1 KOMPOŻIZZJONI TAR-RIŻORSI TAL-FEŻ .....	15–16
TITOLU IV – IMPLIMENTAZZJONI TAR-RIŻORSI TAL-FEŻ	
KAPITOLU 1 DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI .....	17–19
KAPITOLU 2 METODI TA' IMPLIMENTAZZJONI	
Taqsim 1 Dispożizzjonijiet ġenerali .....	20
Taqsim 2 Amministrazzjoni deċentralizzata .....	21–24
Taqsim 3 Amministrazzjoni ċentralizzata .....	25–28
Taqsim 4 Amministrazzjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali .....	29
KAPITOLU 3 ATTURI FINANZJARJI .....	30
Taqsim 1 Prinċipju tas-segregazzjoni tad-dmirijiet .....	31
Taqsim 2 Uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni .....	32–38a
Taqsim 3 Uffiċjal tal-kontabbiltà .....	39–43
Taqsim 4 Aġent tal-ħlas .....	44–47
Taqsim 5 Amministratur tal-ħlas .....	48–50
KAPITOLU 4 RESPONSABBILTÀ TA' L-ATTURI FINANZJARJI	
Taqsim 1 Regoli ġenerali .....	51–52
Taqsim 2 Regoli applikabbli għall-uffiċjali ta' l-awtorizzazzjoni .....	53–54
Taqsim 3 Regoli applikabbli għall-uffiċjali tal-kontabbiltà u għall-amministraturi tal-ħlas .....	55–56
KAPITOLU 5 OPERAZZJONIJIET TA' DĦUL	
Taqsim 1 Tqegħid għad-dispożizzjoni tar-riżorsi tal-FEŻ .....	57–61
Taqsim 2 Stim ta' l-ammonti li jistgħu jinġabru .....	62
Taqsim 3 Stabbiliment ta' l-ammonti li jistgħu jinġabru .....	63
Taqsim 4 Awtorizzazzjoni ta' l-irkupru .....	64
Taqsim 5 Rkupru .....	65



	Artikoli
KAPITOLU 6 OPERAZZJONIJIET TAN-NEFQA	
Taqsim 1 Dispożizzjonijiet ġenerali .....	66
Taqsim 2 Impenn tan-nefqa .....	67–72
Taqsim 3 Impenn tan-nefqa taħt amministrazzjoni ċentralizzata jew konġunta .....	73–76
Taqsim 4 Impenn tan-nefqa taħt amministrazzjoni deċentralizzata .....	77–80
Taqsim 5 Validazzjoni tan-nefqa .....	81
Taqsim 6 Awtorizzazzjoni tan-nefqa .....	82
Taqsim 7 Ħlas tan-nefqa .....	83–86
Taqsim 8 Limiti ta' żmien għall-operazzjonijiet ta' nfiq .....	87
KAPITOLU 7 SISTEMI TA' IT .....	88
KAPITOLU 8 AWDITUR INTERN .....	89–90
TITOLU V – AKKWIST	
KAPITOLU 1 DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI	
Taqsim 1 Ambitu u prinċipji ta' għoti .....	91–92
Taqsim 2 Publikazzjoni .....	93
KAPITOLU 2 PROĊEDURI TA' AKKWIST .....	94–99
TITOLU VI – OPERAZZJONIJIET TA' XOGĦOL DIRETT U OPERAZZJONIJIET DEĊENTRALIZZATI INDIRETTI .....	100–102
TITOLU VII – GĦOTJIET	
KAPITOLU 1 AMBITU U FORMA TA' L-GĦOTJIET .....	103–104
KAPITOLU 2 PRINĊIPJI .....	105–109
KAPITOLU 3 PROĊEDURA TA' GĦOTI .....	110–112
KAPITOLU 4 ĦLAS U KONTROLL .....	113–115
KAPITOLU 5 IMPLIMENTAZZJONI .....	116–117
TITOLU VIII – PREŻENTAZZJONI TAL-KONTIJIET U KONTABBILTÀ	
KAPITOLU 1 PREŻENTAZZJONI TAL-KONTIJIET .....	118–125
KAPITOLU 2 INFORMAZZJONI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAR-RIŻORSI TAL-FEŻ ....	126
KAPITOLU 3 KONTABBILTÀ .....	127–133
TITOLU IX – VERIFIKA ESTERNA U KWITTANZA	
KAPITOLU 1 DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI .....	134
KAPITOLU 2 VERIFIKA ESTERNA .....	135–141
KAPITOLU 3 KWITTANZA .....	142–144a



**▼B**

	Artikoli
IT-TIENI PARTI – DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI DWAR IR-RIŻORSI TAL-FEŻ AMMIN- ISTRATI MILL-BEI .....	145–152
IT-TIELET PARTI – DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI U FINALI	
TITOLU I – DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI	
KAPITOLU 1 TRASFERIMENT TAL-BILANĊI LI JIFDAL MINN FEŻ PREĊEDENTI .....	153–154
KAPITOLU 2 BILANĊI LI JIFDAL MINN FEŻ PREĊEDENTI .....	155
KAPITOLU 3 REGOLI APPLIKABBLI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-FEŻ PREĊEDENTI	156
KAPITOLU 4 PERIJODU TRANŻIZZJONALI .....	157–158
TITOLU II – DISPOŻIZZJONIJIET FINALI .....	159



## L-EWWEL PARTI

## DISPOŻIZZJONIJIET PRINĊIPALI

## TITOLU I

## SUĠĠETT U KAMP TA' APPLIKAZZJONI

*Artikolu 1*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għat-twaqqif u għall-implimentazzjoni finanzjarja tar-riżorsi ta' l-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ), u l-preżentazzjoni u l-verifika finanzjarja tal-kontabbiltà.

*Artikolu 2*

1. Il-Kummissjoni għandha tassumi r-responsabbiltajiet tal-Komunità definiti fl-Artikolu 57 tal-Ftehim AKP-KE u fid-Deċiżjoni dwar Assoċjazzjoni lil hinn mill-Baħar.

Għal dak il-għan, hija għandha tieħu ħsieb l-implimentazzjoni finanzjarja ta' l-operazzjonijiet li jitwettqu bir-riżorsi tal-FEŻ allokati fil-forma ta' għajjnuna li m'hemmx għalfejn titħallas lura, esklużi s-sussidji tar-rata ta' l-interessi, u tagħmel ħlasijiet skond dan ir-Regolament.

2. Għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha taġixxi fuq ir-responsabbiltà tagħha stess u fil-limiti tar-riżorsi allokati.

*Artikolu 3*

Il-Bank ta' l-Investment Ewropew (BEI), waqt li jaġixxi f'isem il-Komunità, għandu jamministra l-Faċilità ta' Investment, kif ukoll is-sussidji tar-rata ta' l-interessi, u għandu jwettaq l-operazzjonijiet stabbiliti fiha, skond ir-regoli stabbiliti fit-Tieni Parti. F'dak il-kuntest, il-BEI għandu jaġixxi f'isem u għar-riskju tal-Komunità.

IL-BEI għandu jieħu ħsieb l-implimentazzjoni finanzjarja ta' l-operazzjonijiet imwettqa permezz ta' self mir-riżorsi tiegħu stess, u fejn ikun applikabbli, ikkombinati mas-sussidji tar-rata ta' l-interessi miġbuda mir-riżorsi ta' l-għoti mill-FEŻ.

*Artikolu 4*

Id-dispożizzjonijiet ta' din il-Parti, flimkien ma' dawk tat-Tielet Parti, għandhom japplikaw esklużivament għall-implimentazzjoni finanzjarja tar-riżorsi tal-FEŻ amministrati mill-Kummissjoni. Dawk id-dispożizzjonijiet ma jistgħux jiġu interpretati bħala li jaġhtu lok għal kwalunkwe obbligu min-naħa tal-Kummissjoni fir-rigward ta' l-implimentazzjoni finanzjarja tar-riżorsi tal-FEŻ amministrati mill-BEI.

*Artikolu 5*

1. Dment li ma ma jkunx speċifikat mod ieħor, ir-riferenzi f'dan ir-Regolament għall-Istati AKP għandhom jitqiesu bħala li qed jirreferu wkoll għall-korpi jew għar-rappreżentanti ddefiniti fl-Artikoli 13 u 14 ta' l-Anness IV għall-Ftehim AKP-KE, li b'mod adegwat jistgħu jiġu mandatati sabiex jeżerċitaw ir-responsabbiltajiet tagħhom skond dak il-Ftehim.

2. Is-sena finanzjarja għandha tibda fl-1 ta' Jannar u tintemm fil-31 ta' Diċembru.



TITOLU II

**PRINĊIPJI FINANZJARJI**

*Artikolu 6*

Ir-riżorsi tal-FEŻ għandhom jiġu stabbiliti u implimentati skond il-prinċipji li ġejjin, kif ġie stabbilt f'dan ir-Regolament:

- (a) preċiżjoni finanzjarja,
- (b) unità ta' kontabbiltà,
- (ċ) speċifikazzjoni,
- (d) amministrazzjoni finanzjarja tajba,
- (e) trasparenza.

*KAPITOLU 1*

***Prinċipju tal-preċiżjoni finanzjarja***

*Artikolu 7*

1. L-ebda dħul m'għandu jinġabar u l-ebda nfiq ma jsir dment li ma jkunx riservat għal allokkazzjoni tal-FEŻ.
2. L-ebda nfiq ma jista' jiġi impenjat jew awtorizzat lil hinn minn dawn l-allokkazzjonijiet.
3. L-interessi li jrendu l-fondi li huma proprjetà tal-FEŻ jiddaħħlu bħala dħul tal-FEŻ.

*Artikolu 8*

1. L-interessi iġġenerati mill-ħlasijiet ta' pre-finanzjament għandu jkun assenjat lill-programm jew lill-azzjoni kkonċernati u jitnaqqas mill-ħlas tal-bilanċ ta' l-ammonti dovuti lill-benefiċjarju.
2. L-interessi m'għandhomx ikunu dovuti lill-Komunitajiet fil-każijiet li ġejjin:
  - (a) pre-finanzjament li ma jirrappreżentax ammont sinifikanti;
  - (b) pre-finanzjament imħallas taħt kuntratt ta' akkwist fis-sens ta' l-Artikolu 91;
  - (ċ) avvanzi mħallsa lill-membri ta' l-istituzzjonijiet u lill-persunal skond ir-Regolamenti tal-Persunal ta' l-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kondizzjonijiet ta' l-impjieg ta' Ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej, minn hawn 'il quddiem "ir-Regolamenti tal-Persunal";
  - (d) pre-finanzjament imħallas fil-kwadru ta' amministrazzjoni konġunta kif imsemmija fil-punt (c) ta' l-Artikolu 20(1).
3. L-Artikoli 3, 4 u 4a tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 u 2.



## KAPITOLU 2

### *Prinċipju ta' l-unità tal-kontabbiltà*

#### *Artikolu 9*

1. Ir-riżorsi tal-FEŻ għandhom jiġu stabbiliti u implimentati bl-euro u l-kontabbiltà għandha tiġi ppreżentata fl-euro.

Madankollu, għall-finijiet ta' l-amministrazzjoni tat-teżor imsemmija fl-Artikolu 39, l-uffiċjal tal-kontabbiltà jista' jwettaq l-operazzjonijiet bl-euro jew b'muniti oħra.

2. L-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 1.

## KAPITOLU 3

### *Prinċipju ta' speċifikazzjoni*

#### *Artikolu 10*

Ir-riżorsi tal-FEŻ għandhom jiġu magħżula għal finijiet speċifiċi skond l-istrumenti prinċipali tal-koperazzjoni, kif ġie deskritt fil-Protokoll Finanzjarju tal-Ftehim AKP-KE u fid-Deċiżjoni dwar Assoċjazzjoni lil hinn mill-Baħar.

Fir-rigward ta' l-Istati AKP, daww l-istrumenti huma stabbiliti mill-Protokoll Finanzjarju mniżżel fl-Anness Ib tal-Ftehim AKP-KE. L-għażla tar-riżorsi għandha tkun ibbażata wkoll fuq id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Intern u għandha tiegħu kont tar-riżorsi riżervati għan-nefqa ta' appoġġ konnessi mal-programmazzjoni u ma' l-implimentazzjoni skond l-Artikolu 6 tiegħu.

Fir-rigward tal-PTB, daww l-istrumenti għandhom jiġu stabbiliti fl-Anness II A bis għad-Deċiżjoni dwar Assoċjazzjoni lil hinn mill-Baħar. L-għażla ta' daww ir-riżorsi għandha tiegħu kont ukoll tar-riżerva mhux allokata prevista fl-Artikolu 3(4) ta' dak l-Anness u tar-riżorsi riżervati għal studji jew għal miżuri ta' għajnuna teknika skond l-Artikolu 1(1)(c) tiegħu.

## KAPITOLU 4

### *Prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba*

#### *Artikolu 11*

1. Ir-riżorsi tal-FEŻ għandhom jintużaw skond il-prinċipji ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba, prinċipalment skond il-prinċipji ta' ekonomija, effiċjenza u effikaċja.

2. Il-prinċipju ta' l-ekonomija jeħtieġ li r-riżorsi li jintużaw sabiex jiġu segwiti l-attivitatiet għandhom ikunu disponibbli fiż-żmien dovut, fi kwantità u kwalità xierqa u bl-aqwa prezz.

Il-prinċipju ta' l-effiċjenza huwa kkonċernat bl-aqwa relazzjoni bejn ir-riżorsi użati u r-riżultati miksuba.

Il-prinċipju ta' l-effikaċja huwa kkonċernat bil-kisba ta' l-oġettivi speċifiċi stabbiliti u li jintlaħqu r-riżultati ppjanati.

3. Għandhom jiġu stabbiliti oġettivi speċifiċi, miżurabbli, li jistgħu jintlaħqu, li jkunu rilevanti u f'waqthom. Il-kisba ta' daww l-oġettivi għandha tkun immonitorjata minn indikaturi tal-prestazzjoni.

**▼B***Artikolu 12*

Sabiex jitjieb il-proċess ta' tfassil tad-deċiżjonijiet, b'mod partikolari sabiex tiġi ġġustifikata u speċifikata d-determinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet li għandha titħallas mill-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 57, huma meħtieġa l-evalwazzjonijiet li ġejjin:

- (a) qabel l-użu tar-riżorsi tal-FEŻ għandu jkun hemm evalwazzjoni ex ante ta' l-operazzjoni li għandha ssir
- (b) l-operazzjoni għandha titressaq għal evalwazzjoni ex post sabiex ikun żgurat li r-riżultati maħsuba jiġġustifikaw il-mezzi wżati.

*Artikolu 13*

1. Il-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba kien jeħtieġ li r-riżorsi tal-FEŻ ikunu implimentati skond kontroll intern effettiv u effiċjenti kif ikun xieraq f'kull modalità ta' amministrazzjoni.

2. Għall-finijiet ta' l-implimentazzjoni tar-riżorsi tal-FEŻ, il-kontroll intern għandu jkun iddefinit bħala proċess applikabbli fil-livelli kollha ta' amministrazzjoni u mfassal sabiex jipprovdi assigurazzjoni raġonevoli dwar il-kisba ta' l-oġġettivi li ġejjin:

- (a) l-effikaċja, l-effiċjenza u l-ekonomija ta' l-operazzjonijiet;
- (b) l-affidabbiltà tar-rappurtaġġ;
- (c) is-salvagwardja ta' l-assi u ta' l-informazzjoni;
- (d) il-prevenzjoni u s-sejba tal-frodi u ta' l-irregolaritajiet;
- (e) amministrazzjoni adegwata tar-riskji relatati mal-legalità u mar-regolarità tat-transazzjonijiet sottostanti, fejn jittieħed kont tan-natura pluriennali tal-programmi kif ukoll in-natura tal-ħlasijiet ikkonċernati.

*KAPITOLU 5**Prinċipju tat-trasparenza**Artikolu 14*

1. Ir-riżorsi tal-FEŻ għandhom jiġu stabbiliti u implimentati u l-kontabbiltà għandha tiġi ppreżentata b'konformità mal-prinċipju tat-trasparenza.

2. L-istimi annwali ta' l-impenji u tal-ħlasijiet skond l-Artikolu 7 tal-Ftehim Intern, flimkien mal-kontabbiltà tal-FEŻ imsemmija fl-Artikolu 118 ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

**▼M1**

3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli, b'mod xieraq, l-informazzjoni dwar il-benefiċjarji ta' fondi li ġejjin mill-FEŻ miżmumin minnha meta r-riżorsi tal-FEŻ jkunu implimentati fuq bażi ċentralizzata u direttament mid-dipartimenti tagħha jew mid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 17, u l-informazzjoni dwar il-benefiċjarji ta' fondi kif ipprovduta mill-entitajiet li lilhom ikunu ddelegati l-kompiti tal-implimentazzjoni finanzjarja taħt modi oħrajn ta' ġestjoni.

**▼B**

Din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli, bir-rispett adegwat tar-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità, b'mod partikolari l-protezzjoni tad-data personali kif inhu stabbilit fid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data<sup>(1)</sup> u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali<sup>(2)</sup> mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-*data*, u r-rekwiżiti tas-sigurtà, b'kont meħud ta' l-ispeċifitàjiet ta' kull modalità ta' amministrazzjoni msemmija fl-Artikolu 20.

## TITOLU III

**RIŻORSI U KONTRIBUZZJONIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI**

## KAPITOLU 1

***Kompożizzjoni tar-riżorsi tal-FEŻ****Artikolu 15*

Ir-riżorsi tal-FEŻ għandhom jikkonsistu fl-ammonti stabbiliti fl-Artikolu 1 tal-Ftehim Intern.

*Artikolu 16*

1. Il-Kummissjoni tista' tamministra l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri u minn pajjiżi donaturi oħra f'isimhom, inkluż fiż-żewġ każi, l-aġenziji pubbliċi u parata' l-Istat tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti proġetti jew programmi ffinanzjati mill-FEŻ, skond l-Artikolu 9 (1) u (2) tar-Regolament (KE) nru 617/2007.

2. Il-Kummissjoni tista' wkoll tamministra kontribuzzjonijiet finanzjarji volontarji mill-Istati Membri skond l-Artikolu 9 (4) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 617/2007 u kwalunkwe arranġamenti speċifiċi stabbiliti fil-ftehim ta' kontribuzzjoni bilaterali rilevanti.

3. Ir-riżorsi addizzjonali kif iddefiniti fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu amministrati skond l-istess regoli bħar-riżorsi tal-FEŻ.

## TITOLU IV

**IMPLIMENTAZZJONI TAR-RIŻORSI TAL-FEŻ**

## KAPITOLU 1

***Dispożizzjonijiet ġenerali****Artikolu 17*

Il-Kummissjoni tista', fi ħdan id-dipartimenti tagħha stess, tiddelega s-setgħat tagħha sabiex timplimenta r-riżorsi tal-FEŻ, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament u mir-regoli interni tiegħu kif ukoll fil-limiti stabbiliti mill-Kummissjoni fl-istrument tad-delega. Dawk li jingħataw dan il-poter jistgħu jaġixxu biss fil-limiti tas-setgħat li jkunu ġew ikkonferiti lilhom espressament.

<sup>(1)</sup> ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

<sup>(2)</sup> ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

**▼ M1**

Madanakollu, il-Kummissjoni tista' tiddelega l-poteri tagħha biex timplimenta r-riżorsi tal-FEŻ lill-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni. Hija għandha, fl-istess ħin, tgħarraf lir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-Rappreżentant Għoli) b'dan. Meta l-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni jaġixxu bħala uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega, huma għandhom japplikaw ir-regoli tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tar-riżorsi tal-FEŻ u għandhom ikunu sottomessi għall-istess dmirijiet, obbligi u respons-abilità bħal kwalunkwe uffiċjal awtorizzanti ieħor b'sottodelega.

Il-Kummissjoni tista' tirtira dik id-delega skont ir-regoli tagħha stess.

Għall-finijiet tat-tieni paragrafu, ir-Rappreżentant Għoli għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiffaċilita l-koperazzjoni bejn id-Delegazzjonijiet tal-Unjoni u d-dipartimenti tal-Kummissjoni.

Arranġamenti dettaljati jistgħu jkunu miftiehma bejn il-Kummissjoni u S-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) sabiex tkun faċilitata l-implimentazzjoni, min-naħa tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni, tar-riżorsi previsti għan-nefqa ta' sostenn marbuta mal-FEŻ skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim Intern. Dawk l-arranġamenti m'għandhom jinkludu l-ebda deroga mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

**▼ B***Artikolu 18*

1. L-atturi finanzjarji kollha u kwalunkwe persuna oħra involuta fl-implimentazzjoni, fl-amministrazzjoni, fil-verifika jew fil-kontroll tar-riżorsi tal-FEŻ għandhom jiġu pprojbiti milli jieħdu kwalunkwe azzjoni li tista' ġġib l-interessi tagħhom f'konflitt ma' dawk tal-Komunità. Jekk jinqala' konflitt ta' interessi, il-persuna kkonċernata għandha toqgħod lura minn tali azzjoni u tirriferi l-kwistjoni lill-awtorità kompetenti.

2. Ikun hemm konflitt ta' interessi fejn l-eżerċizzju imparzjali u oġġettiv tal-funzjonijiet ta' attur finanzjarju jew ta' persuna oħra, kif jissema fil-paragrafu 1, ikun kompromess għal raġunijiet li jinvolvu l-familja, il-ħajja emozzjonali, l-affinità politika jew nazzjonali, l-interess ekonomiku jew kwalunkwe interess ieħor kondiviż mal-benefiċjarju.

3. L-Artikoli 34 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002 għandu japplika mutatis mutandis għall-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 u 2.

*Artikolu 19*

Għall-finijiet ta' dan it-Titolu, it-terminu "persunal" jirreferi għal persuni koperti mir-Regolamenti tal-Persunal.

*KAPITOLU 2****Metodi ta' implimentazzjoni*****Taqsim 1****Dispożizzjoni Ġenerali***Artikolu 20*

1. Il-Kummissjoni għandha timplimenta r-riżorsi tal-FEŻ skond id-dispożizzjonijiet li ġew stabbiliti fl-Artikoli 21 sa 29 fi kwalunkwe wieħed minn dawn il-modi:

- (a) b'amministrazzjoni deċentralizzata;
- (b) b'amministrazzjoni ċentralizzata;
- (c) b'amministrazzjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali.

## ▼B

2. Il-Kapitolu 2 “Metodi ta' Implimentazzjoni” tal-Parti I, Titolu IV tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002 għandu japplika mutatis mutandis għall-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

## Taqsim 2

**Amministrazzjoni deċentralizzata***Artikolu 21*

Bħala regola ġenerali, il-Kummissjoni għandha tiegħu ħsieb l-implimentazzjoni finanzjarja tar-riżorsi tal-FEŻ permezz ta' waħda minn dawn li ġejjin:

- (a) permezz ta' amministrazzjoni deċentralizzata ma' l-Istati AKP skond il-kondizzjonijiet li ġew stabbiliti fil-Ftehim AKP-KE u billi jiġi applikat it-tqasim tar-responsabbiltajiet previst fl-Artikolu 57 ta' dak il-Ftehim u fl-Artikoli 34, 35 u 36 ta' l-Anness IV tiegħu;
- (b) permezz ta' amministrazzjoni deċentralizzata mal-PTB skond il-kondizzjonijiet li ġew stabbiliti fid-Deċiżjoni dwar Assoċjazzjoni lil hinn mill-Baħar u fil-miżuri li jimplementaw dik id-Deċiżjoni.

*Artikolu 22*

1. Fil-kuntest ta' amministrazzjoni deċentralizzata, il-Kummissjoni għandha tiegħu ħsieb l-implimentazzjoni finanzjarja tar-riżorsi tal-FEŻ skond ir-regoli dettaljati stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 4. Kif previst fil-każ ta' l-amministrazzjoni ċentralizzata, il-Kummissjoni tista' tiddelega kompiti residwali lill-korpi msemmija fl-Artikolu 25 (2-5).

2. L-Istati AKP jew il-PTB benefiċjarji għandhom:

- (a) iwettqu kontrolli regolari sabiex ikun żgurat li l-azzjonijiet li għandhom ikunu ffinanzjati bir-riżorsi tal-FEŻ ikunu ġew implimentati b'mod korrett;
- (b) jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jipprevjenu irregolaritajiet u frodi u, jekk ikun meħtieġ, jifidu proċedimenti legali sabiex jirkupraw fondi li jkunu tħallsu meta ma kinux dovuti.

3. Sabiex tiżgura li l-fondi jintużaw skond ir-regoli applikabbli u fil-limiti tas-setgħat ikkonferiti lilha, il-Kummissjoni għandha tapplika proċeduri ta' kklerjar tal-kontijiet jew mekkaniżmi ta' korrezzjoni finanzjarja li jippermettulha li tonora l-obbligi tagħha skond il-Ftehim AKP-KE, b'mod partikolari skond l-Artikolu 34(1) ta' l-Anness IV tiegħu, u skond id-Deċiżjoni dwar Assoċjazzjoni lil hinn mill-Baħar, partikolarment skond l-Artikoli 20 u 32 tagħha.

4. Il-pajjiżi u t-territorji msieħba li lilhom jiġu delegati kompiti ta' implimentazzjoni għandhom jiżguraw, f'konformità ma' l-Artikolu 14(3), il-pubblikazzjoni annwali *ex post* adegwata tal-benefiċjarji tal-fondi li ġejjin mill-FEŻ.

*Artikolu 23*

L-implimentazzjoni mill-Istati AKP u mill-PTB ta' l-operazzjonijiet ifffinanzjati mir-riżorsi tal-FEŻ għandhom ikunu suġġetti għall-iskrutinju tal-Kummissjoni..

Dak l-iskrutinju jista' jiġi eżerċitat b'approvazzjoni minn qabel, permezz ta' kontrolli *ex post* jew bi proċedura kombinata, skond d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim AKP-KE, tad-Deċiżjoni dwar Assoċjazzjoni lil hinn mill-Baħar u skond il-miżuri li jimplementaw dik id-Deċiżjoni.



**▼B***Artikolu 24*

Skond il-grad ta' deċentralizzazzjoni previst fil-Ftehim AKP-KE, fid-Deċiżjoni dwar Assoċjazzjoni lil hinn mill-Baħar u fil-miżuri li jimplimentaw dik id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tagħmel hilita sabiex thegħeġ l-Istati AKP u l-PTB beneficijarji sabiex jaderixxu, meta jeżerċitaw is-setgħat fdati lilhom skond il-Ftehim AKP-KE, u skond id-Deċiżjoni dwar Assoċjazzjoni lil hinn mill-Baħar, mal-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba stabbilit fl-Artikolu 11, partikolarment l-applikazzjoni progressiva tal-kritejri li ġejjin:

- (a) proċeduri trasparenti ta' akkwist u proċeduri ta' għoti, li ma jkunux diskriminatorji u li jeskludu kwalunkwe konflitt ta' interess;
- (b) sistema effettiva u effiċjenti ta' kontroll intern għall-amministrazzjoni ta' l-operazzjonijiet, li tinkludi s-segregazzjoni effettiva tad-dmirijiet ta' l-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni u ta' l-uffiċjal tal-kontabbiltà jew tal-funzjonijiet ekwivalenti;
- (ċ) sistema ta' kontabbiltà li tippermetti l-użu korrett ta' riżorsi tal-FEŻ li għandhom ikunu verifikati u l-użu ta' fondi li għandhom ikunu riflessi fil-kontabbiltà tal-FEŻ;
- (d) verifika esterna indipendenti eżerċitata minn istituzzjoni nazzjonali għal verifika esterna indipendenti;
- (e) fil-każ ta' l-operazzjonijiet ta' xogħol dirett imsemmija fl-Artikolu 101(1), dispożizzjonijiet adegwati għall-amministrazzjoni u għall-iskrutinju tal-kontijiet imprest lokali u għad-definizzjoni tar-responsabbiltajiet ta' l-amministratur imprest lokali u ta' l-uffiċjal tal-kontabbiltà.

Għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni, fi ftehim ma' l-Istati AKP u mal-PTB li jibbenifikaw, għandha tinkorpora d-dispożizzjonijiet xierqa fil-ftehim ta' finanzjament imsemmija fl-Artikolu 70(3).

## T a q s i m a 3

**A m m i n i s t r a z z j o n i Ċ e n t r a l i z z a t a***Artikolu 25***▼M1**

1. Meta l-Kummissjoni timplimenta r-riżorsi tal-FEŻ fuq bażi ċentralizzata, il-kompiti implimentattivi għandhom jitwettqu, jew direttament mid-dipartimenti tagħha jew mid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 17, jew b'mod indirett, skont il-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu u mal-Artikoli 26 sa 29.

**▼B**

L-implimentazzjoni indiretta, skond il-paragrafi 2 sa 4 ta' dan l-Artikolu u skond l-Artikoli 27 sa 29, tapplika wkoll fil-każ tad-delega ta' kompiti residwi lill-korpi li jissemmew fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu fil-każ ta' amministrazzjoni deċentralizzata.

2. Il-Kummissjoni ma tistax tiddelega lil partijiet terzi s-setgħa' eżekuttiva li hi tgawdi skond il-Ftehim AKP-KE jew skond id-Deċiżjoni ta' Assoċjazzjoni Barranija fejn daww is-setgħat tagħha jinvolvu miżura kbira ta' diskrezzjoni li timplika għażliet politiċi. Il-kompiti ta' implimentazzjoni ddelegati għandhom ikunu definiti b'mod ċar u sorveljati kompletament fir-rigward ta' l-użu li jsir minnhom.

**▼B**

Id-delega tal-kompiti ta' implimentazzjoni finanzjarja għandha tkun konformi mal-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba u għandha tkun żgurata konformità mal-viżibbiltà ta' l-azzjoni Komunitarja. L-ebda kompit ta' implimentazzjoni li jkun ġie ddelegat b'dan il-mod ma jista' jagħti bidu għal konflitti ta' interess.

3. Fil-limiti stabbiliti fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni tista' tiddelega kompiti ta' awtorità pubblika, b'mod partikoalri kompiti ta' implimentazzjoni finanzjarja, lil dawn li ġejjin:

- (a) l-aġenziji eżekuttivi stabbiliti skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 <sup>(1)</sup>;
- (b) korpi nazzjonali tas-settur pubbliku jew korpi regolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati għall-implimentazzjoni tal-kompiti assenjati lilhom.

Il-Kummissjoni tista' tuża r-riżorsi tal-FEŻ sabiex tħallas kumpens finanzjarju lil dawn il-korpi għall-ispejjeż amministrattivi magħmula.

Kull sena, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill bil-każijiet, bl-aġenziji u bil-korpi kkonċernati. Għandha tipprovdi motivazzjoni proporzjonata ta' l-użu ta' l-aġenziji nazzjonali.

4. L-implimentazzjoni tar-riżorsi korrispondenti tal-FEŻ minn aġenzija msemmija fil-paragrafu 3(a) għandha titwettaq mid-direttur ta' dik l-aġenzija.

5. Fejn l-aġenziji u l-korpi msemmija fil-paragrafu 3 jwettqu kompiti ta' implimentazzjoni, dawn għandhom iwettqu kontrolli regolari sabiex jiżguraw li l-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati mir-riżorsi tal-FEŻ ikunu ġew implimentati b'mod korrett.

Tali aġenziji u korpi għandhom jieħdu miżuri xierqa sabiex jipprevjenu irregolaritajiet u frodi u, jekk ikun meħtieġ, jiftħu proċedimenti legali sabiex jirkupraw fondi li jkunu tħallsu meta ma kinux dovuti jew li ntużaw b'mod skorrett.

*Artikolu 26*

Fejn il-Kummissjoni timplimenta riżorsi tal-FEŻ permezz ta' amministrazzjoni ċentralizzata indiretta, l-ewwel għandha tikseb evidenza ta' l-eżistenza u ta' l-operazzjoni adegwata fl-entitajiet li lilhom tafda l-implimentazzjoni ta' dawn li ġejjin:

- (a) proċeduri trasparenti ta' akkwist u ta' għoti li mhumiex diskriminatorji u li jeskludu kwalunkwe konflitt ta' interess u li huma konformi mat-Titoli V u VII;
- (b) sistema effettiva u effiċjenti ta' kontroll intern għall-amministrazzjoni ta' l-operazzjonijiet, li tinkludi s-segregazzjoni effettiva tad-dmirijiet ta' l-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni u ta' l-uffiċjal tal-kontabbiltà jew tal-funzjonijiet ekwivalenti;
- (c) sistema ta' kontabbiltà li tippermetti l-użu korrett ta' riżorsi tal-FEŻ li għandhom ikunu verifikati u l-użu ta' fondi li għandhom ikunu riflessi fil-kontabbiltà tal-FEŻ;
- (d) verifika esterna indipendenti;
- (e) aċċess pubbliku għall-informazzjoni fuq il-livell previst fir-Regolamenti Komunitarji;
- (f) publikazzjoni annwali ex post adegwata tal-benefiċjarji tal-fondi li ġejjin mill-FEŻ, skond l-Artikolu 14(3).

<sup>(1)</sup> ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1.

## ▼B

Il-Kummissjoni tista' taċċetta li s-sistemi ta' verifika, ta' kontabbiltà, ta' akkwist u ta' l-għoti ta' l-aġenziji u tal-korpi msemmija fl-Artikolu 25(3) ikunu ekwivalenti għal tagħha, b'kont debitament meħud ta' l-istandards aċċettati internazzjonalment.

*Artikolu 27*

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura s-superviżjoni, l-evalwazzjoni u l-kontroll ta' l-implimentazzjoni tal-kompiti fdati. Għandha tiegħu kont ta' l-ekwivalenza tas-sistemi ta' kontroll meta twettaq kontrolli bl-użu s-sistemi ta' kontroll tagħha stess.

2. L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) għandu jgawdi mill-istess setgħat fir-rigward tal-korpi li lilhom jiġu delegati l-kompiti bħal fir-rigward tad-dipartimenti tal-Kummissjoni. Il-korpi in kwistjoni għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa sabiex jgħinu lill-OLAF iwettaq investigazzjonijiet interni. Kwalunkwe att mwettaq minn tali korpi għall-implimentazzjoni tar-riżorsi tal-FEŻ, u b'mod partikolari kwalunkwe deċiżjoni jew kuntratt konkluż minnhom, għandhom jipprevedu speċifikament l-istess kontrolli bħall-Artikolu 70(4).

*Artikolu 28*

Il-Kummissjoni ma tistax tafda miżuri ta' implimentazzjoni ta' fondi li ġejjin mir-riżorsi tal-FEŻ, bħall-ħlas u l-irkupru, lil entitajiet jew korpi esterni tas-settur privat ħliet dawk imsemmija fil-punt (b) ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 25(3) jew f'każijiet speċifiċi fejn il-ħlasijiet involuti għandhom isiru lil benefiċjarji magħżula mill-Kummissjoni, huma suġġetti għal kondizzjonijiet u ammonti stabbiliti mill-Kummissjoni u ma jinvolvux l-eżerċizzju ta' diskrezzjoni mill-entità jew mill-korp li qed jagħmel il-ħlasijiet.

Il-kompiti li jistgħu jiġu fdati b'kuntratt lil entitajiet jew korpi esterni tas-settur privat ħliet dawk imsemmija fil-punt (b) ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 25(3) huma kompiti ta' kompetenza teknika u kompiti amministrattivi, preparatorji jew anċillari li la jinvolvu l-eżerċizzju ta' awtorità pubblika u lanqas l-użu ta' setgħat diskrezzjonarji ta' ġudizzju.

## T a q s i m a 4

**A m m i n i s t r a z z j o n i                      k o n ġ u n t a                      m a '  
o r g a n i z z a z z j o n i j e t   i n t e r n a z z j o n a l i***Artikolu 29*

1. Meta l-Kummissjoni timplimenta r-riżorsi tal-FEŻ permezz ta' amministrazzjoni konġunta, fil-każi li ġejjin ċerti kompiti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu delegati lil organizzazzjonijiet internazzjonali:

- (a) kulfejn il-Kummissjoni u l-organizzazzjoni internazzjonali jkunu marbuta minn ftehim qafas għal perijodu twil ta' żmien li jstabbilixxi l-arranġamenti amministrattivi u finanzjarji għall-koperazzjoni tagħhom;
- (b) kulfejn il-Kummissjoni u l-organizzazzjoni internazzjonali iħejju proġett jew programm konġunt;
- (ċ) fejn il-fondi ta' diversi donaturi jinġabru flimkien u ma jkunux magħżula għal punti jew kategoriji speċifiċi ta' nfiq, jiġifieri fil-każ ta' azzjonijiet b'għadd ta' donaturi.

**▼B**

Fil-proċeduri ta' kontabbiltà, ta' verifika, ta' kontroll intern u ta' akkwist tagħhom, dawn l-organizzazzjonijiet għandhom japplikaw standards li joffru garanzji ekwivalenti għal standards aċċettati internazzjonalment.

2. L-implimentazzjoni minn organizzazzjonijiet internazzjonali ta' operazzjonijiet iffinanzjati minn riżorsi tal-FEŻ għandha tkun suġġetta għal skrutinju min-naħa tal-Kummissjoni. Tali skrutinju għandu jkun eżerċitat b'approvazzjoni minn qabel, permezz ta' kontrolli *ex post* jew permezz ta' proċedura kombinata.

3. Il-ftehim individwali li jkunu ġew konklużi ma' organizzazzjonijiet internazzjonali għall-għoti ta' finanzjament għandu jkun fihom dispożizzjonijiet dettaljati għall-implimentazzjoni tal-kompiti fdati lil tali organizzazzjonijiet internazzjonali.

4. L-organizzazzjonijiet internazzjonali li lilhom ikunu fdati l-kompiti ta' implimentazzjoni għandhom jiżguraw, skond l-Artikolu 14(3), pubblikazzjoni annwali adegwata u *ex post* tal-benefiċjarji tal-fondi li jkunu ġejjin mill-FEŻ.

**KAPITOLU 3****Atturi finanzjarji****Artikolu 30**

Il-Kummissjoni għandha tipprova lil kull attur finanzjarju bir-riżorsi meħtieġa sabiex iwettaq dmirijietu u b'karta li tiddekrivi fid-dettall il-kompiti, id-drittijiet u l-obbligi tiegħu.

**Taqsim 1****Prinċipju tas-segregazzjoni tad-dmirijiet****Artikolu 31**

Id-dmirijiet ta' l-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni u ta' l-uffiċjal tal-kontabbiltà għandhom ikunu segregati u għandhom ikunu reċiprokament inkompatibbli.

**Taqsim 2****Uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni****Artikolu 32**

1. Fil-kuntest ta' l-implimentazzjoni finanzjarja ta' l-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2, il-Kummissjoni għandha twestaq id-dmirijiet ta' l-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha taġġel membru tal-persunal ta' livell xieraq lil lilhom tiddelega d-dmirijiet ta' uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni, l-ambitu tas-setgħat delegati u l-possibbiltà għall-persuni li lilhom jiġu delegati dawn is-setgħat li jissubdelegawhom.

3. Is-setgħat ta' l-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni għandhom ikunu delegati jew subdelegati biss lill-persunal.

4. L-uffiċjali ta' l-awtorizzazzjoni b'delega jew b'subdelega jistgħu jaġixxu biss fil-limiti stabbiliti mill-istrument tad-delega jew tas-subdelega. L-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni responsabbli b'delega jew b'subdelega jista' jiġi meġġun fil-kompitu tiegħu minn membru tal-persunal wieħed jew aktar fdat, taħt ir-responsabbiltà tiegħu, sabiex iwettaq ċerti operazzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-riżorsi tal-FEŻ u tal-preżentazzjoni tal-kontabbiltà.

▼ **M1**

5. Meta l-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni jaġixxu bħala uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 17, huma għandhom ikunu suġġetti għall-Kummissjoni bħala l-istituzzjoni responsabbli għad-definizzjoni, l-eżerċitar, il-kontroll u l-evalwazzjoni tad-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom bħala uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega. Il-Kummissjoni għandha, fl-istess ħin, tgħarraf lir-Rappreżentant Għoli b'dan.

▼ **B***Artikolu 33*

L-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni għandu jkun responsabbli għal li ġej:

- (a) l-implimentazzjoni tad-dħul u ta' l-infiq skond il-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba;
- (b) li jkun żgurat li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti tal-legalità u tar-regolarità.

*Artikolu 34*

1. Biex tkun implimentata n-nefqa, l-uffiċjali ta' l-awtorizzazzjoni b'delega jew b'subdelega għandhom jaġhmlu impenji finanzjarji u, fejn ikun xieraq, impenji legali, għandhom jivvalidaw in-nefqa u jawtorizzaw il-ħlasijiet u għandhom jieħdu ħsieb il-preliminari għall-implimentazzjoni tar-riżorsi tal-FEŻ.

2. L-implimentazzjoni tad-dħul għandha tinkludi l-preparazzjoni ta' l-istimi ta' l-ammonti li jistgħu jinġabru, l-istabbiliment ta' l-ammonti dovuti li għandhom jiġu rkuprati u l-ħruġ ta' l-ordnijiet ta' l-irkupru. Fejn ikun xieraq, għandha tinkludi r-rinunzja ta' l-ammonti dovuti stabbiliti.

*Artikolu 35*

Ħlief f'każijiet fejn l-amministrazzjoni tkun ċentralizzata jew kondiviża ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, l-operazzjonijiet relatati ma' l-implimentazzjoni tal-programmi jew tal-proġetti għandhom jitwettqu mill-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni nazzjonali jew reġjonali, kif iddefinit fl-Artikolu 35 ta' l-Anness IV għall-Ftehim AKP-KE u fil-miżuri li jimplementaw id-Deċiżjoni dwar Assoċjazzjoni lil hinn mill-Baħar, f'koperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni skond l-Artikoli 34, 35 u 36 ta' l-Anness IV għall-Ftehim AKP-KE.

*Artikolu 36*

1. Fejn l-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni b'delega jinduna bi problemi fit-twettiq tal-proċeduri relatati ma' l-amministrazzjoni tar-riżorsi tal-FEŻ, huwa għandu, flimkien ma' l-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni nazzjonali jew reġjonali, jaġhmel il-kuntatti kollha meħtieġa sabiex isib rimedju għas-sitwazzjoni u jieħu kwalunkwe passi li jkunu meħtieġa.

F'każijiet fejn l-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni nazzjonali jew reġjonali ma jwettaqx jew ma jkunx jista' jwettaq id-dmirijiet tiegħu skond il-Ftehim AKP-KE, l-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni b'delega jista' jissostitwixxi temporanjament, u f'każ li jiġri dan, il-Kummissjoni tista' tirċievi, mir-riżorsi allokat li l-Istat AKP in kwistjoni, kumpens finanzjarju għall-ħidma amministrattiva żejda li tkun inħolqot.

2. Kwalunkwe miżura meħuda minn uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni b'delega skond il-paragrafu 1 għandha tittieħed f'isem l-uffiċjal awtorizzanti nazzjonali jew reġjonali kkonċernat.

▼ **B***Artikolu 37*

1. L-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni b'delega għandu jistabbilixxi, skond l-istandards minimi adottati mill-Kummissjoni u u b'kont debitament meħud tar-riskji assoċjati ma' l-ambjent ta' l-amministrazzjoni u man-natura ta' l-azzjonijiet iffinanzjati, l-istruttura organizzattiva u l-proċeduri ta' amministrazzjoni u ta' kontroll interni li jkunu adattati għat-twettiq tad-dmirijiet tiegħu, inklużi, fejn adegwat, verifiki *ex post*.

2. Qabel ma tkun awtorizzata operazzjoni, l-aspetti operattivi u finanzjarji għandhom jiġu verifikati minn membri tal-persunal għajr dak li jkun ta bidu għall-operazzjoni. Il-bidu u l-verifika *ex ante* u *ex post* ta' dik l-operazzjoni għandhom ikunu funzjonijiet separati.

3. Il-persunal kollu responsabbli mill-kontroll ta' l-amministrazzjoni ta' l-operazzjonijiet finanzjarji għandu jkollu l-ħiliet professjonali meħtieġa. Għandu jirrispetta kodiċi ta' standards professjonali speċifiku stabbilit mill-Kummissjoni.

4. Kwalunkwe membru tal-persunal involut fl-amministrazzjoni finanzjarja u fil-kontroll tat-transazzjonijiet li jqis li deċiżjoni li huwa qed jeħtieġ li jieħu minn ta' fuqu sabiex japplikaha jew jaqbel magħha tkun irregolari jew tmur kontra l-prinċipji ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba jew kontra r-regoli professjonali li huwa meħtieġ li josserva, għandu jinforma bil-miktub lill-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni b'delega, u jekk dan ta' l-aħħar ma jieħux azzjoni, lill-bord imsemmi fl-Artikolu 54(3).

F'każ ta' frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li tista' tagħmel ħsara lill-interessi Komunitarji, huwa għandu jinforma lill-awtoritajiet u lill-korpi maħtura permezz tal-leġiżlazzjoni applikabbli.

*Artikolu 38*

L-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni b'delega għandu jirrapporta lill-Kummissjoni dwar it-twettiq ta' dmirijietu fil-forma ta' rapport annwali ta' attività flimkien ma' l-informazzjoni finanzjarja u ta' amministrazzjoni li tikkonferma li l-informazzjoni li tinsab fir-rapport tippreżenta stampa vera u ġusta ħliet kif speċifikat mod ieħor fi kwalunkwe riżerva relatata ma' l-oqsma ddefiniti ta' dħul u ta' nfik.

Dak ir-rapport għandu jindika r-riżultati ta' l-operazzjonijiet b'referenza għall-oġettivi stabbiliti, ir-riskji assoċjati ma' dawn l-operazzjonijiet, l-użu li jkun sar mir-riżorsi provduti u l-effiċjenza u l-effikaċja tas-sistema ta' kontroll intern. L-awditur intern għandu jieħu nota tar-rapport annwali u ta' kwalunkwe biċċa informazzjoni oħra provduta. Mhux aktar tard mill-15 ta' Ġunju ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sommarju tar-rapport annwali ta' attività għas-sena preċedenti. ► **M1** Ir-rapporti annwali ta' attività tal-uffiċjali awtorizzanti b'delega għandhom jitqiegħdu wkoll għad-dispożizzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. ◀

▼ **M1***Artikolu 38a*

1. Meta l-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni jaġixxu bħala uffċjali awtorizzanti b'sottodelega skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 17, huma għandhom jikkoperaw mill-qrib mal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni xierqa tal-fondi, sabiex tiġi żgurata, b'mod partikolari, il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet finanzjarji, ir-rispett tal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba fil-ġestjoni tal-fondi u l-ħarsien effettiv tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

▼ **M1**

Għal dan il-għan, huma għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jipprevjenu kwalunkwe sitwazzjoni li tista' tqiegħed fil-periklu r-responsabilità tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tar-riżorsi tal-FEŻ sottodelegati lilhom kif ukoll kwalunkwe kunflitt ta' prijoritajiet li x'aktarx ikollu impatt fuq l-implimentazzjoni tal-kompiti tal-ġestjoni finanzjarja sottodelegati lilhom.

Meta tinqala' sitwazzjoni jew kunflitt tat-tip imsemmi fit-tieni sottoparagrafu, il-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni għandhom jgħarrfu b'dan mingħajr dewmien lid-Diretturi Ġenerali responsabbli tal-Kummissjoni u tas-SEAE. Dawk id-Diretturi Ġenerali għandhom jieħdu passi xierqa biex isibu soluzzjoni għas-sitwazzjoni.

2. Jekk Kapijiet ta' Delegazzjonijiet tal-Unjoni jsibu rwieħhom f'sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 37(4), huma għandhom jirreferu l-kwistjoni għall-bord speċjalizzat fuq l-irregolaritajiet finanzjarji mwaqqaf skont l-Artikolu 54(3). Fil-każ ta' kwalunkwe attività illegali, frodi jew korruzzjoni li tista' tippreġudika l-interessi tal-Komunità, huma għandhom jinformat lill-awtoritajiet u l-korpi maħtura mil-leġiżlazzjoni applikabbli.

3. Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni li jkunu qed jaġixxu bħala uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 17 għandhom jagħmlu rapport lill-uffiċjal awtorizzanti b'delega tagħhom sabiex dan ikun jista' jintegra r-rapporti tagħhom fir-rapport annwali ta' attività tiegħu msemmi fl-Artikolu 38. Ir-rapporti tal-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni għandhom jinkludu informazzjoni dwar l-effiċjenza u l-effikaċja tas-sistemi interni ta' ġestjoni u kontroll stabbiliti fid-Delegazzjoni tagħhom, kif ukoll dwar il-ġestjoni ta' operazzjonijiet sottodelegati lilhom, u jipprovdu l-assigurazzjoni skont l-Artikolu 54(2a). Dawn ir-rapporti għandhom jiġu annessi mar-rapport annwali tal-attività tal-uffiċjal awtorizzanti b'delega, u għandhom ikunu disponibbli għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill filwaqt li titqies, fejn ikun xieraq, il-kunfidenzjalità tagħhom.

Il-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni għandhom jikkoperaw b'mod sħiħ mal-istituzzjonijiet involuti fil-proċedura ta' kwittanza u jipprovdu, kif xieraq, kwalunkwe informazzjoni addizzjonali neċessarja. F'dan il-kuntest, jistgħu jintalbu jattendu laqgħat tal-korpi rilevanti u jassistu lill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli b'delega.

4. Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni li jkunu qed jaġixxu bħala uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 17 għandhom iwiegħbu għal kwalunkwe talba mill-uffiċjal awtorizzanti b'delega fuq talba tiegħu stess jew, fil-kuntest tal-kwittanza, meta t-talba ssir mill-Parlament Ewropew.

5. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li setgħat sottodelegati mhumiex ta' detriment għall-proċedura ta' kwittanza, skont l-Artikoli 142, 143 u 144.

▼ **B**

## T a q s i m a 3

**U f f i ċ j a l t a l - k o n t a b b i l t à***Artikolu 39*

1. Il-Kummissjoni għandha taħtar uffiċjal tal-kontabbiltà li għandu jkun responsabbli:

- (a) għall-implimentazzjoni adegwata tal-ħlasijiet, għall-ġbir tad-dħul u għall-irkupru ta' l-ammonti stabbiliti bħala li jistgħu jinġabru;
- (b) għall-preparazzjoni u għall-preżentazzjoni tal-kontabbiltà skond it-Titolu VIII;

**▼B**

- (ċ) għaż-żamma tal-kontabbiltà:
- (i) għall-allokkazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 15, ħliet daww għall-Faċilità ta' Investiment, u s-sussidji tar-rata ta' l-interessi;
  - (ii) għall-impenji msemmija fl-Artikolu 70;
  - (iii) għall-ħlasijiet, għad-dħul u għad-djun;
- (d) għall-istabbiliment, skond it-Titolu VIII, tar-regoli u tal-metodi tal-kontabbiltà u tal-pjan tal-kontijiet;
- (e) għall-istabbiliment u għall-validazzjoni tas-sistemi ta' kontabbiltà u, fejn adegwat, għas-sistemi ta' validazzjoni stabbiliti mill-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni b'delega sabiex jipprovd i jew jiġġustifika informazzjoni ta' kontabbiltà;
- (f) amministrazzjoni tat-teżor.

L-uffiċjal tal-kontabbiltà għandu jingħata s-setgħa li jivverifika r-rispett tal-kriterji għall-validazzjoni msemmija fil-punt (e) ta' l-ewwel subparagrafu.

**▼M1**

L-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni għandu jibqa' responsabbli għall-implimentazzjoni kompleta tar-riżorsi tal-FEŻ, inklużi l-operazzjonijiet ta' kontabbiltà li jirrigwardaw ir-riżorsi tal-FEŻ mgħoddija b'sottodelega lill-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni.

**▼B**

2. L-uffiċjal tal-kontabbiltà għandu jikseb l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-produzzjoni tal-kontabbiltà li tagħti stampa vera ta' l-implimentazzjoni finanzjarja tar-riżorsi tal-FEŻ mingħand l-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni b'delega u mill-BEL, li, kull wieħed għall-parti tiegħu, għandhom jiggwarantixxu l-affidabbiltà tiegħu.

*Artikolu 40*

1. Qabel l-adozzjoni tal-kontabbiltà mill-Kummissjoni, l-uffiċjal tal-kontabbiltà għandu jiffirmahom, sabiex b'hekk jiċċertifika li għandu assigurazzjoni raġonevoli li l-kontabbiltà tippreżenta stampa vera u ġusta tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-FEŻ.

Għal dak il-għan, l-uffiċjal tal-kontabbiltà għandu jkun sodisfatt li:

- (a) il-kontabbiltà ġiet ippreparata skond ir-regoli, il-metodi u s-sistemi tal-kontabbiltà li ġew stabbiliti taħt ir-responsabbiltà tiegħu kif stabbilit f'dan ir-Regolament għall-kontabbiltà tal-FEŻ;
- (b) id-dħul u l-infiq kollha jitniżżlu fil-kontabbiltà.

L-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni b'delega għandu jgħaddi l-informazzjoni kollha li l-uffiċjal tal-kontabbiltà jeħtieġ sabiex iwettaq dmirijietu.

L-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni għandu jibqa' kompletament responsabbli mill-użu adegwaqt tal-fondi li hu jamministra kif ukoll mil-legalità u mir-regolarità tan-nefqa taħt il-kontroll tiegħu.

*Artikolu 41*

L-uffiċjal tal-kontabbiltà għandu jingħata l-poter sabiex jikkontrolla l-informazzjoni li tasal kif ukoll li jwettaq kwalunkwe kontroll ieħor li jqijs meħtieġ sabiex jiffirma l-kontabbiltà. L-uffiċjal tal-kontabbiltà għandu jagħmel riżervi, jekk ikun meħtieġ, fejn jispjega eżattament in-natura u l-ambitu ta' tali riżervi.





*Artikolu 42*

Ħlief kif ikun previst mod ieħor f'dan ir-Regolament, l-uffiċjal tal-kontabbiltà biss jingħata s-setgħa li jamministra l-flus kontanti u l-ekwivalenti għall-flus kontanti. Huwa għandu jkun responsabbli li jinżammu f'post sigur.

*Artikolu 43*

Ħlief kif ikun previst mod ieħor f'dan ir-Regolament, l-uffiċjal tal-kontabbiltà biss, fit-twettiq ta' dmirijietu, jista' jiddelega ċerti kompiti lill-membri tal-persunal ta' taħtu.

L-istrument tad-delega għandu jistabbilixxi l-kompiti fdati lil dawk li nġhatatilhom delega.

T a q s i m a 4

**A ġ e n t t a l - h l a s**

*Artikolu 44*

1. Sabiex jagħmel il-ħlasijiet previsti fl-Artikolu 37(1) u (4) ta' l-Anness IV għall-Ftehim AKP-KE jew fil-miżuri li jimplementaw id-Deċiżjoni dwar Assoċjazzjoni lil hinn mill-Baħar, l-uffiċjal tal-kontabbiltà għandu jiftaħ kontijiet, fejn adegwat, ma' l-istituzzjonijiet finanzjarji fl-Istati AKP u fil-PTB, għall-ħlasijiet fil-valuti nazzjonali ta' l-Istati AKP jew fil-valuti lokali tal-PTB, u ma' l-istituzzjonijiet finanzjarji fl-Istati Membri, għall-ħlasijiet feuro u f'valuti oħrajn.

2. Dawn l-istituzzjonijiet finanzjarji, li jaġixxu bħala aġenti tal-ħlas, iwettqu ħlasijiet f'valuti nazzjonali, feuro u f'valuti oħra fuq l-istruzzjonijiet ta' l-uffiċjal tal-kontabbiltà.

3. Skond l-Artikolu 37(2) ta' l-Anness IV għall-Ftehim AKP-KE, id-depożiti f'kontijiet ma' l-istituzzjonijiet finanzjarji fl-Istati AKP u fil-PTB m'għandu jkollhom l-ebda interessi fuqhom u dawn ta' l-aħħar m'għandhom jirċievu l-ebda remunerazzjoni għas-servizzi tagħhom.

Skond l-Artikolu 1(6) tal-Ftehim Intern, id-depożiti f'kontijiet ma' l-istituzzjonijiet finanzjarji fl-Istati Membri għandu jkollhom l-interessi fuqhom. Tali interessi għandhom jiġu kreditati lil wieħed mill-kontijiet previsti f'dak l-Artikolu.

*Artikolu 45*

Ir-relazzjonijiet bejn il-Kummissjoni u l-aġenti tal-ħlas previsti fl-Artikolu 37 ta' l-Anness IV għall-Ftehim AKP-KE jew fil-miżuri li jimplementaw id-Deċiżjoni dwar Assoċjazzjoni lil hinn mill-Baħar għandhom ikunu s-suġġett ta' kuntratti. Ladarba jkunu ffirmati, il-kopji ta' dawn il-kuntratti għandhom jintbagħtu lill-Qorti ta' l-Awdituri għal finijiet ta' informazzjoni.

*Artikolu 46*

1. Il-Kummissjoni għandha tittrasferixxi mill-kontijiet speċjali miftuħa skond l-Artikolu 59(3) l-ammonti meħtieġa sabiex terġa' timla l-kontijiet miftuħa f'isimha skond l-Artikolu 44. Tali trasferimenti għandhom isiru fuq abbażi tal-ħtiġijiet ta' flus kontanti tal-proġetti u tal-programmi.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel sforz sabiex tagħmel kwalunkwe għid ta' flus mill-kontijiet speċjali msemija fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 59(3) b'tali mod li iżżomm id-distribuzzjoni ta' l-assi tagħha f'dawk il-kontijiet li jikkorrispondu għall-proporzjonijiet li fihom id-diversi Stati Membri jikkontribwixxu għall-FEŻ.



*Artikolu 47*

Il-firem tal-membri tal-persunal tal-Kummissjoni li lilhom ġiet ikkonferita s-setgħa jwettqu operazzjonijiet fuq il-kontijiet tal-FEŻ għandhom jiġu depożitati mal-banek ikkonċernati meta jinfetħu l-kontijiet jew, fil-każ ta' membri tal-persunal awtorizzati sussegwentement, meta dawn jinħatru.

T a q s i m a 5

**A m m i n i s t r a t u r t a l - h l a s**

*Artikolu 48*

1. Sabiex isiru l-ħlasijiet previsti fl-Artikolu 44, l-uffiċjal tal-kontabbiltà għandu jaħtar amministratur tal-ħlas sabiex jagħmel il-ħlasijiet lokali permezz tal-kont ta' l-aġent tal-ħlas.

2. L-amministratur tal-ħlas għandhom jintgħażlu minn fost uffiċjali jew, jekk tinqala' l-ħtieġa u biss f'każijiet li jiġu sostanzjati b'mod xieraq, minn fost membri tal-persunal oħra.

*Artikolu 49*

1. Il-ħatra ta' l-amministratur tal-ħlas għandha tkun is-suġġett ta' deċiżjoni mill-uffiċjal tal-kontabbiltà, fuq proposta li tkun ġiet debitament sostanzjata mill-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni responsabbli. Dik id-deċiżjoni għandha tistabbilixxi r-responsabbiltajiet u l-obbligi rispettivi ta' l-amministratur tal-ħlas u ta' l-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni.

Għall-inqas, għandha tispeċifika:

- (a) il-frekwenza li biha għandhom jiġu prodotti d-dokumenti ta' appoġġ u l-proċedura sabiex jiġu prodotti;
- (b) il-proċedura li għandha tkun segwita għar-riforniment tal-kont ta' l-aġent tal-ħlas;
- (c) il-perijodu ta' validità ta' l-awtorizzazzjoni mogħtija lill-amministratur tal-ħlas mill-uffiċjal tal-kontabbiltà;
- (d) l-identità ta' l-amministratur tal-ħlas maħtur.

L-emenda għad-deċiżjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha wkoll tkun is-suġġett ta' deċiżjoni mill-uffiċjal tal-kontabbiltà fuq proposta li debitament sostanzjata mill-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni responsabbli.

2. L-amministratur tal-ħlas, wara l-istruzzjoni mill-uffiċjal tal-kontabbiltà, għandu jagħmel ħlasijiet li jkunu ġew debitament awtorizzati lil partijiet terzi fil-limiti tal-bilanċ residwi pożittiv tal-kont ta' l-aġent tal-ħlas fil-bank.

*Artikolu 50*

**Riforniment tal-kontijiet bankarji lokali**

L-uffiċjal tal-kontabbiltà għandu jforni mill-ġdid il-kontijiet ta' l-aġent tal-ħlas u għandu jimmonitorja dawk il-kontijiet rigward il-ftuħ ta' kontijiet bankarji, id-delega tal-firem u l-kontrolli fil-post u fil-kontijiet ċentralizzati.

Il-flus għall-kontijiet ta' l-aġent tal-ħlas jistgħu jinħarġu direttament minn dħul lokali differenti li ġej minn:

- (a) ħlasijiet lura differenti
- (b) ordnijiet għall-irkupru.



*KAPITOLU 4*

**Responsabbiltà ta' l-atturi finanzjarji**

Taqsim a 1

**Regoli ġenerali**

*Artikolu 51*

1. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni dixxiplinari l-uffiċjali ta' l-awtorizzazzjoni b'delega u b'subdelega, fi kwalunkwe żmien, jista' jkollhom id-delega jew is-subdelega tagħhom irtirata temporanjament jew definittivament mill-awtorità li tkun ħa'rithom.
2. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni dixxiplinari, l-uffiċjal tal-kontabbiltà jista' jiġi sospiż fi kwalunkwe ħin temporanjament jew definittivament mid-dmirijiet tiegħu mill-Kummissjoni.
3. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni dixxiplinari, l-amministraturi tal-ħlas jistgħu jiġu sospiżi fi kwalunkwe ħin temporanjament jew definittivament mid-dmirijiet tagħhom mill-awtorità li tkun ħa'rithom.

*Artikolu 52*

1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu huma mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe obbligu skond il-liġi kriminali li l-atturi finanzjarji msemmija fl-Artikolu 51 jista' jkollhom fil-liġi nazzjonali applikabbli u fid-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet u dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi l-impjegati jew l-uffiċjali ta' l-Istati Membri.
  2. Kull uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni, uffiċjal tal-kontabbiltà jew amministratur tal-ħlas għandhom ikunu suġġetti għal azzjoni dixxiplinari u għal ħlas ta' kumpens kif stabbilit fir-Regolamenti tal-Persunal, mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 53 sa 56 ta' dan ir-Regolament.
- Fil-każ ta' frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li tista' tagħmel ħsara lill-interessi Komunitarji, il-kwistjoni għandha titressaq quddiem l-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti.

Taqsim a 2

**Regoli applikabbli għall-uffiċjali ta' l-awtorizzazzjoni**

*Artikolu 53*

L-obbligu sabiex l-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni jħallas kumpens kif jissema fl-Artikolu 52(2) għandu japplika b'mod partikolari jekk:

- (a) l-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni, kemm jekk b'mod intenzjonali jew minħabba negliġenza kbira min-naħa tiegħu, jiddetermina l-ammonti dovuti li għandhom jiġu rkuprati jew joħroġ ordnijiet għall-irkupru, jimpenja nefqa jew jiffirma ordni għall-ħlas mingħajr ma jikkonforma ma' dan ir-Regolament;
- (b) l-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni, kemm jekk b'mod intenzjonali jew minħabba negliġenza kbira min-naħa tiegħu, ma jipprepara dokument li jstabbilixxi ammont li jista' jinġabar, jittraskura milli joħroġ ordni għall-irkupru jew ikun tard sabiex joħroġha jew ikun tard sabiex joħroġ ordni għall-ħlas, u b'hekk il-Kummissjoni tiġi suġġetta għal azzjoni ċivili min-naħa ta' partijiet terzi.

**▼B***Artikolu 54*

1. Fejn uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni b'delega jew b'subdelega jqis li deċiżjoni li tkun ir-responsabbiltà tiegħu li jieħu tkun irregolari jew kuntrarja għall-prinċipji ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba, huwa għandu jinforma lill-awtorità tad-delega bil-miktub. Jekk l-awtorità tad-delega mbagħad tagħti struzzjoni motivata bil-miktub lill-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni b'delega jew b'subdelega sabiex jieħu d-deċiżjoni kkonċernata, dan ta' l-aħħar m'għandux jinżamm responsabbli.

2. Fil-każ ta' subdelega interna, l-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni b'delega għandu jkompli jkun responsabbli għall-effiċjenza u għall-effikaċja ta' l-amministrazzjoni interna u tas-sistemi ta' kontroll li ġew stabbiliti u għall-għażla ta' l-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni b'subdelega.

**▼M1**

2a. Fil-każ ta' sottodelega lill-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni, l-uffiċjali awtorizzanti b'delega għandhom ikunu responsabbli għad-definizzjoni tas-sistemi tal-ġestjoni u l-kontroll interni fis-seħħ, l-effiċjenza u l-effikaċja tagħhom. Il-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni għandhom ikunu responsabbli għall-formazzjoni u l-funzjonament adegwat ta' daww is-sistemi, skont l-istruzzjonijiet tal-uffiċjal awtorizzanti b'delega, u għall-ġestjoni tal-fondi u l-operazzjonijiet li dawn jeżegwixxu fid-Delegazzjoni tal-Unjoni taħt ir-responsabilità tagħhom. Qabel ma jibdeu jaqdu dmiri-jiethom, huma għandhom isegwu korsijiet speċifiċi ta' taħriġ dwar il-kompiti u r-responsabilitajiet tal-uffiċjali awtorizzanti u dwar l-implimentazzjoni tar-riżorsi tal-FEŻ, f'konformità mal-Artikolu 37(3).

Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni għandhom jirrapportaw dwar ir-responsabilitajiet tagħhom skont l-ewwel sottoparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikolu 38a(3).

Kull sena, il-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni jipprovdu lill-uffiċjal awtorizzanti b'delega l-assigurazzjoni fuq is-sistemi tal-ġestjoni u l-kontroll interni stabbiliti fid-Delegazzjoni tagħhom, kif ukoll dwar il-ġestjoni tal-operazzjonijiet sottodelegati lilhom u r-riżultati tagħhom, sabiex jippermettu lill-uffiċjal awtorizzanti biex jistabbilixxi d-dikjarazzjoni tiegħu ta' assigurazzjoni, kif previst fl-Artikolu 38.

**▼B**

3. Il-bord speċjalizzat fl-irregolaritajiet finanzjarji stabbilit mill-Kummissjoni skond ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002, għandu jkollu kompetenza sabiex jiddetermina, b'relazzjoni mal-FEŻ, jekk tkunx seħħet irregolarità finanzjarja u, x'għandhom ikunu l-konsegwenzi, jekk ikun hemm. Fir-rigward ta' l-amministrazzjoni tar-riżorsi tal-FEŻ min-naħa tal-Kummissjoni, il-każijiet għandhom jiġu riferiti lil dak il-bord kif previst fl-Artikolu 75 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002.

Abbażi ta' l-opinjoni tal-bord, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk tiġtaħx proċeduri li jimplikaw li jista' jkun hemm azzjoni dixxiplinari jew ħlas ta' kumpens. Jekk il-bord jiskopri problemi sistemiċi, għandu jibgħat rapport b'rakkomandazzjonijiet lill-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni b'delega, sakemm din ta' l-aħħar ma tkunx il-persuna involuta, kif ukoll lill-awditur intern.

**▼M1**

4. Meta l-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni jaġixxu bħala uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 17, il-bord speċjalizzat għall-irregolaritajiet finanzjarji mwaqqaf mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għandu jkun kompetenti għall-każijiet imsemmija f'dak il-paragrafu 3.

**▼M1**

Jekk il-grupp jintebaħ bi problemi sistematiċi, dan għandu jibgħat rapport b'rakkomandazzjonijiet lill-uffiċjal awtorizzanti, lir-Rappreżentant Għoli u lill-uffiċjal awtorizzanti b'delega sakemm dan tal-aħħar ma jkunx il-persuna involuta, kif ukoll lill-awditur intern.

Abbażi tal-opinjoni tal-bord, il-Kummissjoni tista' titlob lir-Rappreżentant Għoli biex jibda, fil-kapaċità tar-Rappreżentant Għoli bħala awtorità tal-ħatra, proċedimenti li jwasslu għal azzjoni dixxiplinarja jew għal ħlas ta' kumpens kontra l-uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega jekk l-irregolaritajiet jirrigwardaw il-kompetenzi tal-Kummissjoni mgħoddija lilhom b'sottodelega. F'każ bħal dan, ir-Rappreżentant Għoli jieħu azzjoni xierqa skont ir-Regolament tal-Persunal biex jinforza d-deċiżjonijiet dwar l-azzjoni dixxiplinarja u/jew il-ħlas ta' kumpens, kif rakkomandat mill-Kummissjoni.

L-Istati Membri għandhom jappoġġaw b'mod sħiħ lill-Unjoni fl-infurzar ta' kwalunkwe responsabilità skont l-Artikolu 22 tar-Regolament tal-Persunal tal-temporanju li għalih japplika l-Artikolu 2, punt (e) tal-Kundizzjonijiet tal-impjeg applikabbli għall-aġenti oħra tal-Komunitajiet Ewropej.

**▼B**

## T a q s i m a 3

**Regoli applikabbli għall-uffiċjali tal-kontabbiltà u għall-amministraturi tal-ħlas***Artikolu 55*

Uffiċjal tal-kontabbiltà jista' jkun suġġett għal azzjoni dixxiplari u ħlas ta' kumpens, kif stabbilit u skond il-proċeduri fir-Regolamenti tal-Persunal. B'mod partikolari, huwa jista' jagħmel lilu nnifsu suġġett għal dan bi kwalunkwe waħda mill-forom li ġejjin ta' kondotta ħażina:

- (a) huwa jitlef jew jikkawża danni lil flus, assi u dokumenti li jkun qiegħed jieħu ħsieb;
- (b) b'mod żbaljat, huwa jibdel kontijiet bankarji jew kontijiet kurrenti postali;
- (ċ) huwa jirkupra jew iħallas ammonti li ma jkunux konformi ma' l-ordnijiet għall-irkupru jew ordnijiet għall-ħlas korrispondenti;
- (d) huwa jonqos milli jiġbor id-dħul dovut.

*Artikolu 56*

Amministratur tal-ħlas jista' jkun suġġett għal azzjoni dixxiplari u ħlas ta' kumpens, kif stabbilit u skond il-proċeduri fir-Regolamenti tal-Persunal. B'mod partikolari, huwa jista' jagħmel lilu nnifsu suġġett għal dan bi kwalunkwe waħda mill-forom li ġejjin ta' kondotta ħażina:

- (a) huwa jitlef jew jikkawża danni lil flus, assi u dokumenti li jkun qiegħed jieħu ħsieb;
- (b) huwa ma jistax jipprovdi dokumenti ta' appoġġ adegwati għall-ħlasijiet li għamel;
- (ċ) huwa jagħmel ħlasijiet lil persuni li mhumiex dawk intitolati għalihom;
- (d) huwa jonqos milli jiġbor id-dħul dovut.



KAPITOLU 5

*Operazzjonijiet ta' dħul*

Taqsim 1

**Tqegħid għad-dispożizzjoni tar-riżorsi tal-FEŻ**

*Artikolu 57*

1. Skond l-Artikolu 7 tal-Ftehim Intern, il-limitu għall-ammont annwali tal-kontribuzzjonijiet għas-sena  $n + 2$  u l-ammont annwali tal-kontribuzzjoni għas-sena  $n + 1$  għandu jkun iddeterminat skond il-proċedura stabbilita fil-paragrafi 2 sa 7. Il-kontribuzzjonijiet annwali għandhom jitħallsu fi tliet pagamenti. Dawn għandhom ikunu ddeterminati skond il-proċedura stabbilita fil-paragrafi 2 sa 7.

2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta sal-15 ta' Ottubru tas-sena  $n$ , li jkun fiha:

- il-limitu massimu għall-ammont annwali tal-kontribuzzjoni għas-sena  $n + 2$ ;
- l-ammont annwali tal-kontribuzzjoni għas-sena  $n + 1$ ;
- l-ammont ta' l-ewwel ħlas tal-kontribuzzjoni għas-sena  $n + 1$ .

Il-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar din il-proposta sal-15 ta' Novembru tas-sena  $n$ .

L-Istati Membri għandhom iħallsu l-ewwel pagament tal-kontribuzzjoni għas-sena  $n + 1$  mhux aktar tard mill-21 ta' Jannar tas-sena  $n + 1$ .

3. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta sal-15 ta' Ġunju tas-sena  $n + 1$ , li jkun fiha:

- ammont tat-tieni pagament tal-kontribuzzjoni għas-sena  $n + 1$ ;
- ammont annwali rivedut tal-kontribuzzjoni għas-sena  $n + 1$  f'konformità mal-ħtiġijiet attwali, jekk, skond l-artikolu 7(3) tal-Ftehim Intern, l-ammont annwali ma jibqax jikkorrispondi għal ħtiġijiet attwali.

Il-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar il-proposta l-aktar tard sa 21 jum kalendarju wara l-preżentazzjoni mill-Kummissjoni tal-proposta tagħha.

L-Istati Membri għandhom iħallsu t-tieni pagament l-aktar tard sa 21 jum kalendarju wara li d-deċiżjoni tal-Kunsill tkun ġiet innotifikata lilhom.

4. Sal-15 ta' Ġunju tas-sena  $n + 1$ , il-Kummissjoni, b'kont meħud tal-previżjonijiet tal-BEI rigward l-amministrazzjoni u l-operazzjoni tal-Faċilità ta' l-Investment, inklużi s-sussidji tar-rati ta' l-interessi, għandha tistabbilixxi u tikkomunika lill-Kunsill dikjarazzjoni ta' l-impenji, il-pagamenti u l-ammont annwali ta' sejħiet għall-kontribuzzjonijiet magħmula fis-sena  $n$  u li għandhom isiru fis-sena  $n + 1$  u  $n + 2$ . Dawn l-ammonti għas-sena  $n + 1$  u  $n + 2$  għandhom ikunu bbażati fuq il-kapaċità li l-livell ta' riżorsi propost jitwassal b'mod effettiv.

5. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta sa l-10 ta' Ottubru tas-sena  $n + 1$ , li jkun fiha:

- it-tielet ħlas tal-kontribuzzjoni annwali għas-sena  $n + 1$ ;
- ammont annwali rivedut tal-kontribuzzjoni għas-sena  $n + 1$  f'konformità mal-ħtiġijiet attwali, jekk, skond l-artikolu 7(3) tal-Ftehim Intern, l-ammont annwali ma jibqax jikkorrispondi għal ħtiġijiet attwali.

**▼B**

Il-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar il-proposta mhux aktar tard minn 21 jum tal-kalendarju wara l-preżentazzjoni mill-Kummissjoni tal-proposta tagħha.

L-Istati Membri għandhom iħallsu t-tielet pagament mhux aktar tard minn 21 jum tal-kalendarju wara li d-deċiżjoni tal-Kunsill tkun għet innotifikata lilhom.

6. Is-somma tal-pagamenti relatata ma' sena partikolari ma tistax teċċedi l-ammont annwali tal-kontribuzzjoni annwali ddeterminat għal dik is-sena. L-ammont annwali tal-kontribuzzjoni ma jistax jeċċedi l-limitu ddeterminat għal dik is-sena. Il-limitu ma jistax jiżjed ħliet skond l-artikolu 7(4) tal-Ftehim Intern. Żieda possibbli tal-limitu għandha tkun parti mill-proposti msemmija skond il-paragrafi 2 sa 5 ta' hawn fuq.

7. Il-limitu għall-ammont annwali tal-kontribuzzjoni għas-sena  $n + 2$ , l-ammont annwali tal-kontribuzzjoni għas-sena  $n + 1$  u l-pagamenti tal-kontribuzzjonijiet għandhom jispeċifikaw, skond l-Artikoli 1 sa 5:

- (a) l-ammont amministrat mill-Kummissjoni u
- (b) l-ammont amministrat mill-BEI, inklużi s-sussidji tar-rati ta' l-interessi.

*Artikolu 58*

1. Il-ħlasijiet li għandhom jitħallsu minn kull Stat Membru u li jissemew fl-Artikolu 57 għandhom jiġu stabbiliti b'tali mod li jkunu proporzjonali għall-kontribuzzjonijiet Ta' l-Istat għall-FEŻ kif stabbilit fl-Artikolu 1(2) tal-Ftehim Intern.

2. Is-sejħiet għall-kontribuzzjonijiet l-ewwel għandhom jużaw l-ammonti stabbiliti tal-FEŻ preċedenti, f'ordni kronoloġiku.

*Artikolu 59*

1. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji ta' l-Istati Membri għandhom jiġu espressi feuro.

2. Kull Stat Membru għandu jħallas l-ammont tal-kontibut tiegħu feuro.

3. Fir-rigward ta' l-ammont dovut lill-Kummissjoni skond (a) l-Artikolu 57(7), il-kontribuzzjonijiet finanzjarji għandhom jiġu kreditati minn kull Stat Membru f'kont speċjali bl-isem "Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej – Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp" miftuħ mal-bank tal-ħruġ ta' dak l-Istat Membru jew ma' l-istituzzjoni finanzjarja magħżula minnu. L-ammont ta' tali kontribuzzjonijiet għandu jibqa' f'dawk il-kontijiet speċjali sakemm ikun hemm il-ħtieġa li jsiru l-ħlasijiet previsti fl-Artikolu 37 ta' l-Anness IV għall-Ftehim AKP-KE jew fil-miżuri li jimplementaw id-Deċiżjoni dwar Assoċjazzjoni lil hinn mill-Baħar.

Fir-rigward ta' l-ammont dovut lill-BEI skond il-punt (b) ta' l-Artikolu 57(7), l-interessi fuq il-ħlas tard għandhom jiġu kreditati lill-BEI.

Fejn ikun meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tipprovdi assistenza teknika adegwata fl-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill imsemmija fl-Artikolu 57.

## ▼B

*Artikolu 60*

1. Fejn rata ta' kontribuzzjonijiet pagabbli skond dan l-Artikolu ma titħallasx sa l-iskadenza kkonċernata stabbilita fil-paragrafi 2 sa 5 ta' l-Artikolu 57, l-Istat Membru kkonċernat jista' jkun mitlub li jħallas l-interessi fir-rigward ta' l-ammont mhux imħallas..

2. L-interessi għall-ammonti mhux imħallas għandhom jiġu imposti b'rata ta' żewġ punti perċentwali 'l fuq mir-rata ta' l-interessi applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament prinċipali tiegħu fl-ewwel jum tax-xogħol tax-xahar li fih l-ammont ikun dovut, kif ippubblikat fis-serje C tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea. Dik ir-rata għandha tiżdied bi kwart ta' punt perċentwali għal kull xahar ta' dewmien.

L-interessi għandhom ikunu pagabbli għall-perijodu kollu tad-dewmien u għandhom jiġu kkalkulati mill-ewwel jum tal-kalendarju wara l-iskadenza għall-ħlas tar-rata kkonċernata.

3. Fir-rigward ta' l-ammont dovut lill-Kummissjoni skond il-punt (a) ta' l-Artikolu 57(7), l-interessi fuq il-ħlas tard għandhom jiġu kreditati f'wieħed mill-kontijiet previsti fl-Artikolu 1(6) tal-Ftehim Intern.

Fir-rigward ta' l-ammont dovut lill-BEI skond il-punt (b) ta' l-Artikolu 57(7), l-interessi fuq il-ħlas tard għandhom jiġu kreditati lill-BEI.

*Artikolu 61*

Ma' l-iskadenza tal-protokoll finanzjarju stabbilit fl-Anness Ib għall-Ftehim AKP-KE, dik il-parti tal-kontribuzzjonijiet li l-Istati Membri jibqgħu obligati jħallsu skond l-Artikolu 57 għandha tintalab mill-Kummissjoni, jekk ikun meħtieġ, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

## T a q s i m a 2

**Stimi ta' l-ammonti li jistgħu jinġabru***Artikolu 62*

1. L-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni responsabbli għandu l-ewwel jagħmel stima ta' l-ammont li jista' jinġabar fir-rigward ta' kwalunkwe miżura jew sitwazzjoni li tista' tagħti lok għal jew temenda ammont dovut lill-FEŻ.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-ebda stima ta' l-ammont li jista' jinġabar m'għandha ssir qabel ma l-Istati Membri jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni l-ammonti tal-kontribuzzjonijiet tagħhom għall-FEŻ, kif iddefiniti fl-Artikoli 57 u 58. L-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni responsabbli għandu joħroġ ordni ta' rkupru fir-rigward ta' dawk l-ammonti.

3. L-Artikoli 77 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002 għandu japplika mutatis mutandis għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 1.

## T a q s i m a 3

**Stabbiliment ta' l-ammonti li jistgħu jinġabru***Artikolu 63*

1. L-istabbiliment ta' ammont li jista' jinġabar hija l-azzjoni li biha l-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni b'delega jew b'subdelega:

- (a) jivverifika li d-dejn jeżisti;
- (b) jiddetermina jew jivverifika r-realtà u l-ammont tad-dejn;
- (c) jivverifika l-kondizzjonijiet li fihom ikun dovut id-dejn.



**▼B**

2. Ir-riżorsi tal-FEŻ li tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni u kwalunkwe ammont li jista' jinġabar li jiġi identifikat bħala ċert, ta' ammont fiss u dovut għandu jkun stabbilit b'ordni għall-irkupru lill-uffiċjal tal-kontabbiltà segwit minn nota ta' debitu mibgħuta lid-debitur, it-tnejn li huma mħejjija mill-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni responsabbli.
3. L-ammonti li jitħallsu bi żball għandhom jiġu rkuprati.
4. L-Artikolu 86 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002 għandu japplika *mutatis mutandis* fir-rigward tal-kondizzjonijiet li fihom l-interessi fuq il-ħlasijiet tard ikunu dovuti lill-FEŻ.

## T a q s i m a 4

**A w t o r i z z a z z j o n i t a ' l - i r k u p r u***Artikolu 64*

1. L-awtorizzazzjoni ta' l-irkupru hija dak l-att li bih l-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni responsabbli b'delega jew b'subdelega jagħti struzzjonijiet lill-uffiċjal tal-kontabbiltà, billi joħroġ ordni għall-irkupru, sabiex jirkupra ammont li jista' jinġabar li huwa jkun stabilixxa.
2. Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet ta' l-Istati AKP jew tal-PTB, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi formalment ammont bħala li jista' jinġabar mingħand persuni li ma jkunux Stati permezz ta' deċiżjoni li għandha tkun infurzabbli fl-istess kondizzjonijiet kif ġie stabbilit fl-Artikolu 256 tat-Trattat.
3. L-Artikoli 81 u 84 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002 għandu japplika *mutatis mutandis* għall-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 u 2.

## T a q s i m a 5

**R k u p r u***Artikolu 65*

1. L-uffiċjal tal-kontabbiltà għandu jaġixxi fuq ordnijiet għall-irkupru għal ammonti li jistgħu jinġabru li jkunu ġew iddeterminati b'mod xieraq mill-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni responsabbli. Huwa għandu jeżerċita d-diliġenza adegwata sabiex jiżgura li l-FEŻ jirċievi d-dħul tiegħu u għandu jiżgura li d-drittijiet tiegħu jiġu salvagwardjati.
2. L-uffiċjal tal-kontabbiltà għandu jirkupra l-ammonti billi jpaċihom ma' talbiet ekwivalenti li l-FEŻ jew il-Komunità jkollhom kontra kwalunkwe debitor li huwa stess ikollu pretensjoni fuq il-FEŻ jew fuq il-Komunità li tkun ċerta, ta' ammont fiss u dovuta.
3. Fir-rigward ta' l-operazzjonijiet ta' xogħol dirett u l-operazzjonijiet deċentralizzati indiretti msemmija fit-Titolu VI, fejn pretensjonijiet mill-FEŻ fuq l-Uffiċjal ta' l-Awtorizzazzjoni Nazzjonali ma jiġux irkuprati fil-limiti taż-żmien preskritti, l-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni responsabbli għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jikseb ħlas lura effettiv tas-somom dovuti, inkluża, fejn ikun xieraq, is-spensjoni ta' l-użu ta' dak it-tip ta' arranġament għal dak l-Istat jew PTB.
4. Fejn l-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni b'delega qiegħed jippjana li jirrinunzja jew li jirrinunzja parzjalment għall-irkupru ta' ammont stabbilit li jista' jinġabar, huwa għandu jiżgura li r-rinunzja tkun kif suppost u tikkonforma mal-prinċipji ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba u ta' proporzjonalità. Id-deċiżjoni tar-rinunzja għandha tiġi sostanzjata. L-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni jista' jiddelega d-deċiżjoni biss skond ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002.
5. L-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni jista' jikkanċella jew jaġġusta ammont stabbilit li jista' jinġabar.

**▼B**

6. Id-drittijiet tal-FEŻ rigward partijiet terzi u d-drittijiet ta' partijiet terzi rigward il-FEŻ għandhom ikunu suġġetti għal perijodu ta' limitazzjoni ta' ħames snin.

7. L-Artikoli 82 sa 85 u 87 sa 89 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 sa 6.

*KAPITOLU 6***Operazzjonijiet tan-nefqa**

## Taqsim a 1

**Dispożizzjonijiet ġenerali***Artikolu 66*

Kull element tan-nefqa għandu jiġi impenjat, validat, awtorizzat u mħallas.

## Taqsim a 2

**Impenn tan-nefqa***Artikolu 67*

L-impenn tan-nefqa għandu jiġi preċedut minn deċiżjoni ta' finanzjament adottata mill-Kummissjoni jew mill-awtoritajiet li lilhom il-Kummissjoni tkun iddelegat is-setgħat.

*Artikolu 68*

1. L-impenn finanzjarju mill-Kummissjoni hija l-operazzjoni li tirriżerva l-fondi meħtieġa sabiex tkopri l-ħlasijiet sussegwenti sabiex tonora impenn legali.

2. L-impenn legali mill-Kummissjoni hu l-att li bih l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jidħol fi jew jistabbilixxi obbligu fir-rigward ta' partijiet terzi li jista' jirriżulta f'nefqa imposta fuq il-FEŻ.

3. L-impenn finanzjarju u l-impenn legali għandhom jiġu adottati mill-istess uffiċjal awtorizzanti. Dik ir-regola tista' tiġi rrinunzjata fil-każi li ġejjin:

- (a) nefqa amministrattiva li saret mill-Kummissjoni fis-sens ta' l-Artikolu 69(3) li fir-rigward tagħha l-impenni finanzjarji ġew diviżi skond l-Artikolu 69(2);
- (b) impenni globali li jkollhom x'jaqsmu ma' ftehim finanzjarji skond l-Artikolu 70(3).

*Artikolu 69*

1. L-impenn finanzjarju tal-Kummissjoni jkun individwali meta l-benefiċjarju u l-ammont tan-nefqa jkunu magħrufa.

L-impenn finanzjarju tal-Kummissjoni jkun globali meta mill-inqas wieħed mill-elementi meħtieġa sabiex ikun identifikat l-impenn individwali jkun għadu mhux magħruf.

2. L-impenni finanzjarji għan-nefqa amministrattiva tal-Kummissjoni jistgħu jiġu diviżi tul diversi snin frati annwali. L-impenni legali korrispondenti għandhom jipprovdu għal dik id-diviżjoni.

**▼B**

3. Dawn li ġejjin għandhom jitqiesu bħala nefqa amministrattiva għall-finijiet tal-punt (a) tat-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 68 u tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu:

- (a) in-nefqa għar-riżorsi umani li ma jkunux il-persunal regolari;
- (b) in-nefqa għat-taħriġ;
- (c) l-ispejjeż tal-missjoni;
- (d) l-ispejjeż ta' rappreżentanza;
- (e) l-ispejjeż tal-laqgħat;
- (f) l-ispejjeż relatati ma' interpreti u/jew tradutturi li jaħdmu għal rashom;
- (g) l-ispejjeż relatati ma' l-iskambji ta' l-uffiċjali;
- (h) l-ispiża tal-kirjiet rikorrenti tal-proprjetà mobbli u immobbli;
- (i) l-ispiża ta' diversi forom ta' assigurazzjoni;
- (j) l-ispiża tat-tindif u tal-manutenzjoni;
- (k) l-ispejjeż relatati ma' l-użu tas-servizzi tat-telekomunikazzjoni;
- (l) l-ispiża ta' l-ilma, tal-gass u ta' l-elettriku;
- (m) in-nefqa għall-pubblikazzjonijiet perjodiċi.

*Artikolu 70*

1. L-uffiċjal awtorizzanti responsabbli għandu jagħmel impenn finanzjarju qabel ma jidħol f'impenn legali, li jorbot lill-Kummissjoni, ma' partijiet terzi.

2. Id-deċiżjonijiet dwar il-finanzjament meħuda mill-Kummissjoni, skond il-Ftehim AKP-KE jew id-Deċiżjoni ta' Assoċjazzjoni lil hinn mill-Baħar, li jawtorizzawha tagħti għajjnuna finanzjarja mill-FEŻ, għandhom jagħtu bidu għal impenji finanzjarji mill-Kummissjoni.

3. Dawn li ġejjin għandhom jikkostitwixxu impenji legali min-naħa tal-Kummissjoni:

- (a) ftehim ta' finanzjament bejn il-Kummissjoni, li taġixxi fisem il-Komunità, u l-Istati AKP benefiċjarji jew il-PTB benefiċjarji jew il-korpi li għażlu;
- (b) kuntratt jew ftehim ta' għotja bejn il-Kummissjoni u l-korpi tas-settur pubbliku nazzjonali jew internazzjonali jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jkunu responsabbli mit-twettiq ta' l-azzjonijiet.

4. Kull ftehim ta' finanzjament, kuntratt jew ftehim ta' għotja għandu jipprevedi b'mod espliċitu li l-Kummissjoni, l-OLAF u l-Qorti ta' l-Awdituri, jeżerċitaw is-setgħat ta' kontroll tagħhom, fuq id-dokumenti u fil-post, fuq il-kuntratturi u s-subkuntratturi kollha li jkunu ngħataw finanzjament minn riżorsi tal-FEŻ.

*Artikolu 71*

Meta jkun qed jadotta impenn finanzjarju, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli għandu jiżgura dan li ġej:

- (a) li n-nefqa tkun ġiet attribwita lill-element korrett tal-kontabbiltà;
- (b) li l-fondi jkunu disponibbli;
- (c) li n-nefqa hija skond id-dispożizzjonijiet rilevanti, partikolarment tal-Ftehim AKP-KE, tad-Deċiżjoni ta' Assoċjazzjoni lil hinn mill-Baħar, tal-Ftehim Intern, ta' dan ir-Regolament, u ta' l-atti kollha adottati fl-implimentazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet;
- (d) li jkun hemm konformità mal-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba.

**▼B***Artikolu 72*

Meta jiġi reġistrat impenn legali, l-uffiċjal awtorizzanti għandu jiżgura dan li ġej:

- (a) li l-impenn ikun kopert mill-impenn finanzjarju korrispondenti;
- (b) li n-nefqa tkun regolari u skond id-dispożizzjonijiet rilevanti, partikolarment tal-Ftehim AKP-KE, tad-Deċiżjoni ta' Assoċjazzjoni lil hinn mill-Baħar, tal-Ftehim Intern, ta' dan ir-Regolament, u ta' l-atti kollha adottati fl-implimentazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet;
- (ċ) li jiġi rispettata il-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba.

## T a q s i m a 3

**Impenn tan-nefqa taħt amministrazzjoni ċentralizzata jew konġunta***Artikolu 73*

Fejn ir-riżorsi tal-FEŻ jiġu amministrati mill-Kummissjoni fuq bażi ċentralizzata jew konġunta, l-impenn tan-nefqa għandu jkun suġġett għad-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima.

*Artikolu 74*

1. L-impenni legali relatati ma' impenni finanzjarji individwali għandhom jiġu konklużi mill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru tas-sena N, fejn is-sena N tkun is-sena li fiha l-impenn finanzjarju individwali tal-Kummissjoni jkun ġie adottat, bla ħsara għall-Artikolu 68(3).

2. Bħala regola ġenerali, l-impenni finanzjarji globali għandhom ikopru l-ispiża totali ta' l-impenni legali individwali korrispondenti li ġew konklużi mill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru tas-sena N + 1, fejn is-sena N tkun is-sena li fiha l-impenn finanzjarju globali tal-Kummissjoni jkun ġie adottat, bla ħsara għall-Artikolu 68(3).

Madankollu, fejn l-impenni globali msemmija fil-punt (a) ta' l-Artikolu 70(3) jiġu implimentati, il-Kummissjoni għandha tikkonkludi il-kuntratti u l-ftehim individwali korrispondenti sa mhux aktar tard minn tliet snin wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament.

Il-kuntratti u l-ftehim individwali relatati ma' verifika u ma' evalwazzjoni jistgħu jiġu konklużi aktar tard. Klawżoli addizzjonali ma' kuntratti li diġà ġew konklużi jistgħu wkoll jiġu konklużi aktar tard.

Fi tmiem il-perijodii msemmija fil-paragrafu 1 u fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi ta' dan il-paragrafu, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli għandu jxolji mill-impenn il-bilanċ li ma ntużax ta' dawk l-impenni finanzjarji.

*Artikolu 75*

1. L-ammont ta' kull impenn legali individwali li ġie adottat mill-Kummissjoni wara impenn globali għandu, qabel il-firem, jiġi reġistrat fil-kontabbiltà tal-FEŻ u jiddaħħal ma' l-impenn finanzjarju globali mill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli.

**▼B**

2. L-impenji legali li wieħed jidħol għalihom għal azzjonijiet li jestendu tul aktar minn sena finanzjarja waħda u l-impenji finanzjarji korrispondenti għandu jkollhom data finali għall-implimentazzjoni li tkun iffissata skond il-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba, ħlief fil-każ tan-nefqa amministrattiva msemmija fl-Artikolu 69(3).

Kwalunkwe parti minn tali impenji li ma tkunx ġiet imwettqa sitt xhur wara dik id-data għandha tiġi xolta mill-impenn u l-appropriazzjonijiet korrispondenti għandhom jiġu kkanċellati.

L-ammont ta' impenn finanzjarju li jikkorrispondi għal impenn legali fejn ma sar l-ebda ħlas għalih f'perjodu ta' tliet snin wara l-iffirmar ta' l-impenn legali għandu jiġi xolt mill-impenn u l-appropriazzjonijiet korrispondenti għandhom jiġu kkanċellati.

3. Il-paragrafu 2 għandu japplika mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet li l-Kunsill jista' jadotta skond l-Artikoli 96 u 97 tal-Ftehim AKP-KE.

*Artikolu 76*

It-terminazzjoni ta' proġett u x-xoljiment mill-impenn tal-fondi impenjati skond l-Artikoli 73, 74 u 75 għandhom jitwettqu meta l-impenji legali li daħlet għalihom il-Kummissjoni f'konnessjoni ma' dak il-proġett fir-rigward tal-partijiet terzi jiġu konklużi u l-ħlasijiet relatati u l-ammonti miġbura jkunu ġew irreġistrati fil-kontijiet tal-FEŻ.

*Taqsim 4***Impenn tan-nefqa taħt amministrazzjoni deċentralizzata***Artikolu 77*

Fejn ir-riżorsi tal-FEŻ ikunu amministrati fuq bażi deċentralizzata, l-impenn tan-nefqa tal-Kummissjoni għandu jkun suġġett għad-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsim.

*Artikolu 78*

1. Il-ftehim ta' finanzjament ma' l-Istati AKP jew mal-PTB benefiċjarji għandhom jiġu konklużi sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru tas-sena N + 1, fejn N tkun is-sena li fiha jkun ġie adottat l-impenn finanzjarju globali tal-Kummissjoni.

Fejn il-ftehim ta' finanzjament ma jiġux konklużi sa l-iskadenza stabilita fl-ewwel subparagrafu, l-appropriazzjonijiet korrispondenti għandhom jiġu kkanċellati.

2. Il-Kummissjoni għandha tkun obbligata li tagħmel ħlas mir-riżorsi tal-FEŻ kulmeta l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jendorsja kuntratti, ftehim ta' għotja u stimi ta' programmi, kif previst fl-Artikolu 101(3).

L-uffiċjal awtorizzanti responsabbli għandu jirreġistra fil-kontabbiltà tal-FEŻ, qabel l-iffirmar bħala endorsjar, l-ammont ta' kull impenn legali individwali li huwa jkun endorsja wara impenn globali. Huwa għandu jdaħħal dan l-ammont ma' l-impenn finanzjarju globali.

3. Il-paragrafu 1 għandu japplika mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet li l-Kunsill jista' jadotta skond l-Artikoli 96 u 97 tal-Ftehim AKP-KE.

## ▼B

*Artikolu 79*

Skond il-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba msemmi fl-Artikolu 11 u filwaqt li taġixxi fi ħdan is-setgħat tagħha, il-Kummissjoni għandha tagħmel hilita sabiex tiżgura li:

- (a) l-impnġi legali li jimplimentaw il-ftehim ta' finanzjament imsemmija fl-Artikolu 78 (1) jiġu konklużi sa mhux aktar tard minn tliet snin wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament korrispondenti. Kuntratti individwali u ftehim relatati ma' verifika u evalwazzjoni, kif ukoll klawżoli addizzjonali ta' kuntratti li huma diġà konklużi, jistgħu jkunu konklużi aktar tard;
- (b) l-ammont ta' impenn ta' finanzjament individwali li jikkorrispondi għal impenn legali li jimplimenta l-ftehim ta' finanzjament imsemmi fl-Artikolu 78 (1) u li għalih ma sar l-ebda ħlas għalih f'perjodu ta' tliet snin wara l-iffirmar ta' l-impenn legali għandu jkun xolt mill-impenn.

Fi tmiem kwalunkwe skadenza ffissata fil-ftehim ta' finanzjament għall-konklużjoni ta' l-impnġi legali msemmija fil-punt (a) ta' l-ewwel subparagrafu, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli għandu jxolji mill-impenn il-bilanċ li ma ntużax ta' l-impnġi finanzjarji korrispondenti.

L-impnġi legali kif imsemmija fil-punt (b) ta' l-ewwel subparagrafu għandhom ikunu kuntratti, ftehim ta' għotja jew stimi ta' programmi li ġew konklużi mill-Istat AKP jew mill-PTB jew mill-awtoritajiet tiegħu jew kuntratti u ftehim ta' għotja li ġew konklużi mill-Kummissjoni li tkun qed taġixxi f'isimhom u għan-nom tagħhom. Għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' dan is-subparagrafu, bi ftehim ma' l-Istati AKP u mal-PTB benefiċjarji, il-Kummissjoni għandha tinkorpora d-dispożizzjonijiet rilevanti fil-ftehim ta' finanzjament imsemmija fl-Artikolu 78(1).

*Artikolu 80*

It-terminazzjoni ta' proġett u x-xoljiment mill-impenn tal-fondi impenjati skond l-Artikoli 78 u 79 għandhom jitwettqu mill-Istat AKP jew mill-PTB jew mill-awtoritajiet tiegħu, u/jew mill-Kummissjoni li tkun qed taġixxi f'isimhom u għan-nom tagħhom f'konnessjoni ma' dak il-proġett fir-rigward ta' partijiet terzi, wara l-konklużjoni ta' l-impnġi legali li jkunu daħlu għalihom u wara li l-ħlasijiet u l-ammonti miġbura relatati jkunu ġew irreġistrati fil-kontabbiltà tal-FEŻ.

## T a q s i m a 5

**Validazzjoni tan-nefqa***Artikolu 81*

1. Il-validazzjoni tan-nefqa hija l-att li bih l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli:

- (a) jivverifika l-eżistenza tad-dritt tal-kreditur;
- (b) jiddetermina jew jivverifika r-realtà u l-ammont tat-talba;
- (c) jivverifika l-kondizzjonijiet li fihom huwa dovut il-ħlas.

2. L-Artikoli 97 u 101 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-validazzjoni ta' l-infiq.



## Taqsim a 6

### Awtorizzazzjoni tan-nefqa

#### Artikolu 82

1. L-awtorizzazzjoni tan-nefqa hija l-att li bih l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli, wara li jkun ivverifika li l-fondi jkunu disponibbli u billi joħroġ ordni għall-ħlas, jagħti struzzjoni lill-uffiċjal tal-kontabbiltà sabiex iħallas ammont tan-nefqa li huwa jkun ivvalida.

2. Fejn isiru ħlasijiet perjodiċi fir-rigward tas-servizzi mogħtija, inklużi s-servizzi ta' kiri jew ta' merkanija konsenjata, u bla ħsara għall-analiżi tar-riskju tiegħu, l-uffiċjal awtorizzanti jista' jordna l-applikazzjoni ta' sistema ta' debitu dirett.

3. L-Artikoli 102 u 103 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.

## Taqsim a 7

### Ħlas tan-nefqa

#### Artikolu 83

1. Il-ħlas għandu jsir biss wara li tintwera xhieda li l-azzjoni rilevanti hija skond l-att bażiku jew il-kuntratt. Il-ħlas għandu jkopri operazzjoni waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

- (a) il-ħlas ta' l-ammont kollu dovut;
- (b) il-ħlas ta' l-ammonti dovuti bi kwalunkwe wieħed mill-modi li ġejjin:
  - (i) pre-finanzjament, li jista' jiġi diviż f'numru ta' ħlasijiet,
  - (ii) ħlas *interim* wieħed jew iżjed,
  - (iii) ħlas tal-bilanċ ta' l-ammonti dovuti.

2. Fil-kontabbiltà għandha ssir distinzjoni bejn it-tipi ta' ħlas differenti msemmija fil-paragrafu 1 fiż-żmien li jsiru.

3. L-Artikoli 104 u 105 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

#### Artikolu 84

Il-ħlas tan-nefqa għandu jsir mill-uffiċjal tal-kontabbiltà fil-limiti tal-fondi disponibbli.

#### Artikolu 85

Il-ħlasijiet għandhom isiru permezz tal-kontijiet bankarji msemmija fl-Artikolu 44. Ir-regoli ddettaljati għall-ftuħ, għall-amministrazzjoni u għall-użu ta' tali kontijiet għandhom jiġu determinati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà.

B'mod partikolari, dawk ir-regoli għandhom jeħtieġu il-firem konġunti fuq l-ordnijiet għat-trasferiment u fuq il-ħlasijiet bankarji kollha ta' żewġ membri tal-persunal li ġew awtorizzati debitament mill-uffiċjal tal-kontabbiltà.

**▼B***Artikolu 86*

Għall-ħlasijiet magħmula mill-amministratur tal-ħlas, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli għandu jiżgura li l-kontrolli jitwettqu qabel l-eżekuzzjoni tagħhom.

## T a q s i m a 8

**Limiti ta' żmien għall-operazzjonijiet ta' nfiq***Artikolu 87*

1. Il-validazzjoni, l-awtorizzazzjoni u l-ħlas tan-nefqa għandhom jitlestew fperijodu ta' mhux iżjed minn 90 jum mid-data meta jkun dovut il-ħlas. L-uffiċjal awtorizzanti nazzjonali jew reġjonali għandu jawtorizza n-nefqa u jinnotifika lill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli tal-Kummissjoni b'dan sa mhux aktar minn 45 jum qabel ma jiskadi l-limitu ta' żmien.

2. Il-kredituri li jitħallsu tard huma intitolati jirċievu l-interessi għad-dewmien skond l-Artikolu 106 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002.

3. Il-pretensjonijiet għal ħlasijiet tard li għalihom hija responsabbli l-Kummissjoni skond l-Artikolu 37 ta' l-Anness IV għall-Ftehim AKP-KE għandhom jitħallsu mill-Kummissjoni mill-kont jew mill-kontijiet previsti fl-Artikolu 1(6) tal-Ftehim Intern.

*KAPITOLU 7***Sistemi ta' it***Artikolu 88*

1. Fejn l-operazzjonijiet ta' dħul u nfiq jkunu amministrati permezz ta' sistemi tal-kompjuter, id-dokumenti jistgħu jiġu ffirmati permezz ta' proċedura kompjuterizzata jew elettronika.

2. L-Artikoli 107 u 108 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.

*KAPITOLU 8***Awditur intern***Artikolu 89*

L-awditur intern tal-FEŻ għandu jkun l-awditur intern tal-Kummissjoni. Huwa għandu jwettaq dmirijietu skond l-istandards internazzjonali rilevanti. Huwa għandu jagħti kont lill-Kummissjoni għall-verifika tat-tħaddim xieraq tas-sistemi u tal-proċeduri għall-implimentazzjoni tar-riżorsi tal-FEŻ amministrati mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 2. L-awditur intern la jista' jkun uffiċjal awtorizzanti u lanqas uffiċjal tal-kontabbiltà.

**▼M1**

Għall-finijiet tal-awditjar intern tas-SEAE, il-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni, li jkunu qed jaġixxu bħala uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 17 għandhom ikunu soġġetti għas-setgħat ta' verifika tal-awditur intern tal-Kummissjoni għall-ġestjoni finanzjarja mgħoddija lilhom b'sottodelega.



**▼B***Artikolu 90*

1. L-awditur intern għandu jagħti parir lill-Kummissjoni dwar kif għandha tittratta r-riskji, billi joħroġ opinjonijiet indipendenti dwar il-kwalità tas-sistemi ta' amministrazzjoni u ta' kontroll u billi joħroġ rakkomandazzjonijiet għat-titjib tal-kondizzjonijiet ta' l-implimentazzjoni ta' l-operazzjonijiet u għall-promozzjoni ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba.

B'mod partikolari, huwa għandu jkun responsabbli sabiex:

- (a) jivvaluta kemm huma adatti u effettivi s-sistemi ta' amministrazzjoni interna u l-prestazzjoni tad-dipartiment fl-implimentazzjoni tal-linji politiċi, tal-programmi u ta' l-azzjonijiet b'referenza għar-riskji assoċjati magħhom;
- (b) jivvaluta l-effiċjenza u l-effikaċja tas-sistemi ta' kontroll intern u ta' verifika interna applikabbli għal kull operazzjoni għall-implimentazzjoni tar-riżorsi tal-FEŻ.

2. L-awditur intern għandu jgawdi minn aċċess sħiħ u mingħajr limiti għall-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex iwettaq dmirijietu, jekk ikun meħtieġ fuq il-post stess, inkluż fl-Istati Membri u f'pajjiżi terzi.

3. L-awditur intern għandu jirrapporta lill-Kummissjoni dwar dak li jsib u dwar ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li tittieħed azzjoni fuq ir-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mill-verifiki. L-awditur intern għandu wkoll iressaq quddiem il-Kummissjoni rapport annwali ta' verifika interna li jindika n-numru u t-tip ta' verifiki mwettqa, ir-rakkomandazzjonijiet li saru u l-azzjoni meħuda fuq dawk ir-rakkomandazzjonijiet.

4. Kull sena, il-Kummissjoni għandha tgħaddi lill-awtorità ta' kwintanza rapport li jiġbor fil-qosor in-numru u t-tip ta' verifiki interni mwettqa, ir-rakkomandazzjonijiet li saru u l-azzjoni meħuda fuq dawk ir-rakkomandazzjonijiet.

5. L-Artikoli 109 u 115 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.

## TITOLU V

## AKKWIST

## KAPITOLU I

**Dispożizzjonijiet ġenerali**

## Taqsim 1

**Ambitu u prinċipji ta' għotja***Artikolu 91*

1. Il-kuntratti pubbliċi huma kuntratti għal interess pekunjarju li ġew konklużi bil-miktub bejn operatur ekonomiku wieħed jew aktar u awtorità kontraenti waħda jew aktar fis-sens ta' l-Artikolu 92 sabiex jinkiseb, bil-ħlas ta' prezz imħallas kollu jew parzjalment mir-riżorsi tal-FEŻ, il-forniment ta' assi mobbli jew immobbli, it-twettiq tax-xogħlijiet jew il-forniment ta' servizzi.

**▼B**

Dawk il-kuntratti jinkludu:

- (a) kuntratti ta' forniment;
- (b) kuntratti ta' xogħlijiet;
- (ċ) kuntratti ta' servizz.

2. Kuntratti qafas huma kuntratti konklużi bejn awtorità kontraenti waħda jew aktar u operatur ekonomiku wieħed jew aktar, li l-iskop tagħhom huwa li jiġu stabbiliti t-termini li jirregolaw il-kuntratti li għandhom jingħataw matul perijodu speċifiku, b'mod partikolari fir-rigward tal-prezz u, fejn xieraq, il-kwantità prevista. Huma għandhom ikunu rregolati mid-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu dwar il-proċedura ta' aġġudikazzjoni, inkluż ir-reklamar.

*Artikolu 92*

1. Dawn li ġejjin għandhom ikunu awtoritajiet kontraenti għall-finijiet ta' dan it-Titolu:

- (a) l-Istati AKP benefiċjarji jew il-korpi b'mandat xieraq mingħandhom, inklużi wkoll il-korpi reġjonali uffiċjali, jew ir-rappreżentanti tagħhom;
- (b) il-Kummissjoni, fil-każ ta' kuntratti mogħtija f'isimha;
- (ċ) il-Kummissjoni, għan-nom ta' u f'isem Stat AKP benefiċjarju wieħed jew aktar;
- (d) korp nazzjonali jew internazzjonali tas-settur pubbliku jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi li ffirma ftehim ta' finanzjament jew ftehim ta' għotja ma' pajjiż AKP wieħed jew aktar jew mal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni ta' programm jew proġett.

2. Il-proċeduri ta' akkwist għandhom jiġu stabbiliti fil-ftehim ta' finanzjament imsemmija fl-Artikolu 70(3).

## T a q s i m a 2

**P u b b l i k a z z j o n i***Artikolu 93*

Fil-limiti tas-setgħat ikkonferiti lilha mill-Ftehim AKP-KE, u skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness IV tiegħu, il-Kummissjoni għandha tieħu l-passi meħtieġa sabiex il-proċeduri internazzjonali ta' sejħiet għal offerti jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea u fuq l-Internet.

*KAPITOLU 2***Proċeduri ta' akkwist***Artikolu 94*

1. Il-kondizzjonijiet għall-parteciċipazzjoni u l-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti relatati ma' operazzjonijiet ifffinanzjati mill-FEŻ sabiex tingħata għajjnuna lill-Istati AKP għandhom ikunu dawk definiti fl-Anness IV għall-Ftehim AKP-KE.

Il-proċeduri għall-għoti tal-kuntratti relatati ma' operazzjonijiet ifffinanzjati mill-FEŻ sabiex tingħata għajjnuna lill-PTB għandhom ikunu definiti fil-miżuri li jimplementaw id-Deċiżjoni ta' Assoċjazzjoni lil hinn mill-Baħar.

2. Fejn il-Kummissjoni taġixxi bħala awtorità kontraenti għall-implimentazzjoni ta' għajjnuna umanitarja jew għajjnuna ta' emerġenza, fil-qafas tal-Ftehim AKP-KE jew tad-Deċiżjoni ta' Assoċjazzjoni lil hinn mill-Baħar, għandha tkun meħtieġa tikkonforma mar-regoli Komunitarji rilevanti dwar l-akkwist.



*Artikolu 95*

Id-dokumenti relatati mas-sejħiet għal offerti għandhom jagħtu desk-rizzjoni sħiħa, ċara u preċiża tas-suġġett tal-kuntratt u għandhom jispe-ċifikaw il-kriterji ta' esklużjoni, għażla u għotja applikabbli għall-kuntratt.

*Artikolu 96*

1. Il-kandidati jew dawk li jittfgħu l-offerti għandhom jiġu esklużi mill-parteċipazzjoni fil-proċeduri ta' akkwist jekk:

- (a) ikunu fallaw jew għaddejjin minn proċedura ta' stralċ, in-negozju tagħhom qed jiġi amministrat mill-qrati, daħlu f'arranġament mal-kredituri, issospendew l-attivitajiet tan-negozju tagħhom, huma s-suġġett ta' proċeduri li jikkonċernaw dawn il-kwistjonijiet, jew huma fi kwalunkwe sitwazzjoni analoga li ġejja minn proċedura simili prevista fil-leġiżlazzjoni jew fir-regolamenti nazzjonali;
- (b) instabu haġja ta' reat li jikkonċerna l-kondotta professjonali tagħhom permezz ta' sentenza li għandha s-saħħa ta' *res iudicata*;
- (c) instabu haġja ta' kondotta professjonali ħażina serja li ġiet ippruvata bi kwalunkwe mezz li l-awtorità kontraenti tista' tiġġustifikah;
- (d) ma ssodisfawx l-obbligi relatati mal-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jew mal-ħlas tat-taxxi skond id-dispożizzjonijiet legali tal-pajjiż fejn huma stabbiliti jew ma' dawk tal-pajjiż ta' l-awtorità kontraenti jew dawk tal-pajjiż fejn għandu jitwettaq il-kuntratt;
- (e) kienu s-suġġett ta' sentenza li għandha s-saħħa ta' *res iudicata* għal frodi, korruzzjoni, involviment f'organizzazzjoni kriminali jew kwalunkwe attività illegali oħra li hija ta' ħsara għall-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet;
- (f) bħalissa huma suġġetti għal penali amministrattiva msemmija fl-Artikolu 99.

Il-punti (a) sa (d) ta' l-ewwel subparagrafu m'għandhomx japplikaw fil-każ ta' xiri ta' fornimenti b'termini partikolarment vantaġġjużi minn fornitur li definittivament qed jagħlaq l-attivitajiet tan-negozju tiegħu, jew minn riċevituri jew likwidaturi ta' falliment, permezz ta' arranġament ma' kredituri, jew permezz ta' proċedura simili skond il-liġi nazzjonali.

2. Il-kandidati jew dawk li jittfgħu l-offerti għandhom jiċċertifikaw li mhumiex f'waħda mis-sitwazzjonijiet li ġew elenkati fil-paragrafu 1. Madankollu, l-awtorità kontraenti tista' toqgħod lura milli teħtieġ tali ċertifikazzjoni għal kuntratti ta' valur ferm baxx.

Għall-fini ta' l-applikazzjoni korretta tal-paragrafu 1, il-kandidat jew dak li jitfa' l-offerta, kulmeta jintalab mill-awtorità kontraenti, irid:

- (a) fejn il-kandidat jew dak li jitfa' l-offerta huwa entità legali, jipprovdi informazzjoni dwar id-dritt ta' proprjetà fuq jew l-amministrazzjoni, il-kontroll jew is-setgħa ta' rappreżentanza ta' l-entità legali;
- (b) fejn ikun previst l-għoti ta' subkuntratt, jiċċertifika li s-subkuntrattur mhux f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1.

3. L-Artikoli 133 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002 għandu japplika mutatis mutandis għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.



*Artikolu 97*

Kuntratt m'għandux jingħata lil kandidati jew dawk li jitfeghu offeriti li, matul il-proċedura ta' akkwist għal dan il-kuntratt:

- (a) huma suġġetti għal konflitt ta' interess;
- (b) ikunu ħajta ta' qerq fil-forniment ta' l-informazzjoni meħtieġa mill-awtorità kontraenti bħala kondizzjoni għall-parteċipazzjoni fil-proċedura ta' akkwist jew jonqsu milli jipprovdu din l-informazzjoni;
- (c) isibu ruħhom f'waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni, imsemmija fl-Artikolu 96(1), għal din il-proċedura ta' akkwist.

*Artikolu 98*

Fil-limiti tas-setgħat ikkonferiti lilha mill-Ftehim AKP-KE, il-Kummissjoni għandha tieħu passi sabiex tuża d-database ċentrali stabbilita skond ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 u li fiha dettalji tal-kandidati u ta' dawk li tefgħu l-offerti li, skond ir-regoli definiti fl-Anness IV għall-Ftehim AKP-KE, jinsabu f'sitwazzjoni li teskludihom mill-parteċipazzjoni fi proċeduri għall-għoti ta' kuntratti relatati ma' operazzjonijiet iffinanzjati mill-FEŻ.

*Artikolu 99*

1. Bla ħsara għall-Anness IV għall-Ftehim AKP-KE, l-awtorità kontraenti tista' timponi penali amministrattivi jew finanzjarji fuq dawn li ġejjin:

- (a) kandidati jew dawk li jitfegħu l-offerti fil-każi msemmija fil-punt (b) ta' l-Artikolu 97;
- (b) kuntratturi li ġew iddikjarati bħala li kisru b'mod serju l-obbligi tagħhom taħt kuntratti koperti mill-FEŻ.

Madanakollu, fil-każi kollha, l-awtorità kontraenti l-ewwel trid tagħti lill-persuna kkonċernata opportunità sabiex tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha.

2. Il-penali msemmija fil-paragrafu 1 iridu jkunu proporzjonati għall-importanza tal-kuntratt u għas-serjetà tal-kondotta ħażina, u jistgħu jikkonsistu fi:

- (a) l-esklużjoni tal-kandidat jew offerent jew tal-kuntrattur ikkonċernat mill-kuntratti u l-għotjiet iffinanzjati mill-FEŻ, għal perijodu massimu ta' għaxar snin; u/jew
- (b) il-ħlas ta' penali finanzjarji mill-kandidat jew minn offerent jew mill-kuntrattur sal-valur tal-kuntratt ikkonċernat.

3. L-Artikoli 134b tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002 għandu japplika *mutatis mutandis* għal kuntratti ffinanzjati mir-riżorsi tal-FEŻ.

TITOLU VI

**OPERAZZJONIJIET TA' XOGĦOL DIRETT U OPERAZZJONIJIET DEĊENTRALIZZATI INDIRETTI**

*Artikolu 100*

Dan it-Titolu għandu jirregola l-operazzjonijiet ta' xogħol dirett u l-operazzjonijiet deċentralizzati indiretti previsti fl-Artikolu 24 ta' l-Anness IV għall-Ftehim AKP-KE. Huwa għandu japplika, *mutatis mutandis*, għall-koperazzjoni finanzjarja mal-PTB.



*Artikolu 101*

1. Fil-każ ta' operazzjonijiet ta' xogħol, dirett il-proġetti u l-programmi għandhom jiġu implimentati direttament mid-dipartimenti pubbliċi ta' l-Istati AKP ikkonċernati.

Il-Komunità għandha tikkontribwixxi għall-ispejjeż ta' dawk id-dipartimenti billi tipprovdi t-tagħmir u/jew il-materjali li jkollhom neqsin u/jew ir-riżorsi sabiex jirreklutaw kwalunkwe persunal addizzjonali meħtieġ, bħal esperti mill-Istati AKP kkonċernati jew Stati AKP oħra. Il-parteciġazzjoni tal-Komunità għandha tkopri biss l-ispejjeż li saru minħabba miżuri supplimentari u nfiq temporanju relatat ma' l-eżekuzzjoni li huma strettament limitati għar-rekwiżiti tal-proġett ikkonċernat.

L-amministrazzjoni finanzjarja ta' proġett implimentat b'xogħol dirett skond l-ewwel u t-tieni subparagrafi għandha titwettaq permezz ta' kontijiet ta' l-impresst lokali amministrati minn amministratur ta' l-impresst lokali u minn uffiċjal tal-kontabbiltà lokali, maħtur mill-uffiċjal awtorizzanti nazzjonali jew reġjonali bl-approvazzjoni minn qabel ta' l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli tal-Kummissjoni.

2. Fil-każ ta' operazzjonijiet deċentralizzati indiretti, l-awtorità kontraenti fis-sens ta' l-Artikolu 92(1)(a) għandha tafda l-kompiti relatati ma' l-implimentazzjoni ta' proġetti jew ta' programmi lil korpi rregolati mil-liġijiet pubbliċi ta' l-Istati AKP ikkonċernati jew tal-korpi rregolati mid-dritt privat li huma legalment distinti mill-Istati AKP kkonċernati.

F'tali każi, il-korp ikkonċernat għandu jieħu r-responsabbiltà għall-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni tal-programm jew tal-proġett minflok l-uffiċjal awtorizzanti nazzjonali jew reġjonali. Il-kompiti hekk iddelegati jistgħu jinkludu s-setgħa li jiġu konklużi u amministrati l-kuntratti u s-supervizzjoni tax-xogħlijiet għan-nom ta' u fi-sem l-Istati AKP kkonċernati.

3. L-operazzjonijiet ta' xogħol dirett u l-operazzjonijiet deċentralizzati indiretti għandhom jiġu implimentati abbażi ta' programm ta' miżuri li jridu jitwettqu u ta' stima ta' l-ispejjeż tagħhom ("l-istima tal-programm"). L-istima tal-programm hija dokument li jstabilixxi l-programm ta' miżuri li għandhom jitwettqu u r-riżorsi umani u materjali meħtieġa, il-baġit korrispondenti u l-arranġamenti implimentattivi dettaljati tekniċi u amministrattivi għall-eżekuzzjoni deċentralizzata ta' proġett tul perijodu speċifikat permezz ta' xogħol dirett u, possibilmnt, permezz ta' akkwist pubbliku u għotjiet speċifiċi.

Kull stima ta' programm għandha titħejja mill-amministratur ta' l-impresst lokali u mill-uffiċjal tal-kontabbiltà lokali msemmija fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1, fil-każ ta' operazzjonijiet ta' xogħol dirett, jew mill-korp imsemmi fil-paragrafu 2, fil-każ ta' operazzjonijiet deċentralizzati indiretti. Imbagħad għandha tiġi approvata mill-uffiċjal awtorizzanti nazzjonali jew reġjonali u mill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli tal-Kummissjoni qabel ma jibded l-attivitajiet previsti minnha.

4. Fil-kuntest ta' l-implimentazzjoni ta' l-istimi tal-programm imsemmija fil-paragrafu 3, il-proċeduri ta' l-akkwist u ta' l-għotjiet għandhom jikkonformaw ma' dawk imsemmija fit-Titoli V u VII rispettivament.

5. Il-ftehim ta' finanzjament imsemmija fl-Artikolu 70(3) għandhom jipprovdu għall-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet ta' xogħol dirett jew operazzjonijiet deċentralizzati indiretti.

## ▼B

*Artikolu 102*

Fil-każ ta' operazzjonijiet deċentralizzati indiretti, l-awtorità kontraenti msemmija fl-Artikolu 92(1)(a) għandha tikkonkludi ftehim ta' delega meta tafda kompiti ta' implimentazzjoni lil korp irregolat mil-liġijiet pubbliċi ta' l-Istati AKP kkonċernati jew mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku. Hija għandha tikkonkludi kuntratt ta' servizz meta tafda daww il-kompiti lil korp irregolat mid-dritt privat. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-ftehim ta' delega jew il-kuntratt ta' servizz jistabbilixxi:

- (a) dispożizzjonijiet adegwati għall-iskrutinju ta' l-użu tar-riżorsi tal-FEŻ mill-Kummissjoni, mill-OLAF, mill-uffiċjal awtorizzanti nazzjonali jew reġjonali, mill-Qorti ta' l-Awdituri u mill-korpi nazzjonali ta' verifika ta' l-Istati AKP kkonċernati;
- (b) definizzjoni ċara u delimitazzjoni preċiża tas-setgħat li ġew delegati lill-korp ikkonċernat u s-setgħat miżmuma mill-uffiċjal awtorizzanti nazzjonali jew reġjonali;
- (ċ) il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti fl-eżerċizzju tas-setgħat hekk delegati, bħall-għażla ta' l-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati, l-għoti tal-kuntratti jew is-superviżjoni tax-xogħlijiet;
- (d) il-possibbiltà ta' reviżjoni *ex post* u ta' penali finanzjarji fejn l-għoti ta' fondi jew l-għoti ta' kuntratti minn korp ikkonċernat ma jkun jikkorrispondi mal-proċeduri stabbiliti fil-punt (c);
- (e) sistema effettiva u effiċjenti ta' kontroll intern għall-amministrazzjoni ta' l-operazzjonijiet, li tinkludi segregazzjoni effettiva tad-dmirijiet ta' l-uffiċjal awtorizzanti u ta' l-uffiċjal tal-kontabbiltà;
- (f) sistema ta' kontabbiltà li tippermetti li jiġi verifikat l-użu korrett tar-riżorsi tal-FEŻ u li jkun rifless l-użu tal-fondi fil-kontabbiltà tal-FEŻ.

## TITOLU VII

## GĦOTJIET

## KAPITOLU 1

*Ambitu u forma ta' l-għotjiet**Artikolu 103*

1. L-għotjiet huma kontribuzzjonijiet finanzjarji diretti, bħala donazzjoni, mir-riżorsi tal-FEŻ sabiex jiġu ffinanzjati:

- (a) jew azzjoni maħsuba sabiex tgħin sabiex jintlaħaq objettiv tal-Ftehim AKP-KE jew tad-Deċiżjoni ta' Assoċjazzjoni lil hinn mill-Baħar, jew programm jew proġett li ġie adottat skond dak il-Ftehim jew skond dik id-Deċiżjoni;
- (b) jew il-funzjonament ta' korp li jsegwi tali objettiv.

Dawn għandhom ikunu koperti jew bi ftehim bil-miktub jew minn deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiġi notifikata lill-applikant li rnexxa.

**▼B**

2. Għall-finijiet ta' dan it-Titolu, dawn li ġejjin m'għandhomx jikkostitwixxu għotjiet:

- (a) il-ftehim ta' finanzjament kif imsemmija fl-Artikolu 70(3)(a);
- (b) il-kuntratti pubbliċi kif imsemmija fit-Titolu V jew l-operazzjonijiet ta' xogħol dirett kif imsemmija fit-Titolu VI;
- (ċ) is-self, il-garanziji, il-kontribuzzjonijiet, il-kuntratti, is-sussidji għar-rata ta' l-interessi jew kwalunkwe operazzjoni finanzjarja oħra amministrata mill-BEI;
- (d) l-assistenza baġitarja diretta jew indiretta, jew l-għajnuna li tgħin ittaffi d-dejn jew l-appoġġ għal qligħ mill-esportazzjoni fil-każ ta' varjazzjonijiet tul perijodu qasir ta' żmien;
- (e) il-ħlasijiet magħmula lill-korpi li lilhom ġew iddelegati kompiti ta' implimentazzjoni mill-Kummissjoni kif previst fl-Artikoli 25 sa 28 jew fil-qafas ta' l-amministrazzjoni konġunta msemmija fl-Artikolu 29.

3. L-Artikoli 160 sa 184a (Titolu VI “Għotjiet”) u l-Artikolu 253 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal dan it-Titolu.

*Artikolu 104*

1. L-għotjiet jistgħu jieħdu kwalunkwe waħda mill-forom li ġejjin:

- (a) rimborż ta' proporzjon speċifikat ta' l-ispejjeż eliġibbli li saru effettivament;
- (b) somom li jingħataw f'daqqa;
- (ċ) finanzjament b'rata fissa;
- (d) kombinazzjoni tal-forom imsemmija fil-punti (a), (b) u (c);

2. L-għotjiet m'għandhomx jaqbu limitu massimu totali espress f'termini ta' valur assolut.

*KAPITOLU 2****Prinċipji****Artikolu 105*

1. L-għotjiet għandhom ikunu suġġetti għall-prinċipji ta' trasparenza u ta' trattament ugwali.

Ma jistgħux ikunu kumulattivi jew jingħataw retrospettivament u jridu jinvolvu ko-finanzjament.

Fl-ebda każ, kif ġie speċifikat fil-ftehim ta' l-għotja, ma jistgħu jinqabżu l-ispejjeż totali kombinati li jkunu eliġibbli għall-finanzjament.

2. L-għotjiet jista' ma jkollhomx il-fini jew l-effett li jipproduċu profitt għall-benefiċjarju.

Il-paragrafu 2 m'għandux japplika għal dawn li ġejjin:

- (a) boroż ta' studju, ta' riċerka jew ta' taħriġ imħallsa lil persuni fiżiċi;
- (b) premji mogħtijin wara kompetizzjonijiet;
- (ċ) azzjonijiet li l-oġettiv tagħhom huwa t-tisħiħ tal-kapaċità finanzjarja ta' benefiċjarju jew il-ġenerazzjoni ta' introjtu.



*Artikolu 106*

1. L-għotjiet għandhom ikunu suġġetti għal programm ta' ħidma annwali, li għandu jkun ippubblikat fil-bidu tas-sena.

Dak il-programm ta' ħidma annwali għandu jkun implimentat permezz tal-pubblikazzjoni tas-sejħiet għal proposti, ħlief f'każi eċċezzjonali ta' urġenza li ġew sostanzjati debitament jew fejn il-karatteristiċi tal-benefiċjarju jew ta' l-azzjoni ma jħallu l-ebda għażla oħra għal azzjoni partikolari, jew fejn il-benefiċjarju jiġi identifikat fil-Ftehim AKP-KE u fid-Deċiżjoni ta' Assoċjazzjoni lil hinn mill-Baħar bħala riċevent ta' għotja.

L-ewwel subparagrafu m'għandux japplika għal għajjnuna għal maniġġar ta' kriżi u għal operazzjonijiet ta' għajjnuna umanitarja.

2. L-għotjiet kollha mogħtija matul sena finanzjarja għandhom ikunu ppubblikati annwalment b'osservanza debita tar-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità u tas-sigurtà.

*Artikolu 107*

1. Kull azzjoni tista' tagħti lok għal għotja waħda biss mir-riżorsi tal-FEŻ lil kwalunkwe benefiċjarju waħdieni.

2. Benefiċjarju jista' jingħata għotja operattiva waħda biss mir-riżorsi tal-FEŻ għal kull sena finanzjarja.

L-applikant għandu jinforma immedjatament lill-uffiċjali awtorizzanti bi kwalunkwe applikazzjoni multipla u bi kwalunkwe għotja multipla relatata ma' l-istess azzjoni jew ma' l-istess programm ta' ħidma.

Fl-ebda ċirkostanza, m'għandhom ikunu ffinanzjati darbtejn l-istess spejjeż mir-riżorsi tal-FEŻ.

*Artikolu 108*

1. Tista' tingħata għotja għal azzjoni li tkun diġà bdiet biss jekk l-applikant jista' juri l-ħtieġa li l-azzjoni tinbeda qabel ma tingħata l-għotja.

F'tali każi, l-ispejjeż eliġibbli għall-finanzjament jista' ma jkunx saru qabel id-data ta' meta titressaq l-applikazzjoni għall-għotja, ħlief f'każi eċċezzjonali li ġew sostanzjati debitament jew fil-każ ta' nefqa meħtieġa għall-implimentazzjoni xierqa ta' għajjnuna għall-manijġġar ta' kriżi jew għal operazzjonijiet ta' għajjnuna umanitarja, kif previst fil-Ftehim AKP-KE jew fid-Deċiżjoni ta' Assoċjazzjoni lil hinn mill-Baħar.

Ma tista' tingħata l-ebda għotja retrospettivament għall-azzjonijiet li diġà tlestew.

2. Tista' tingħata għotja operattiva fi żmien sitt xhur wara l-bidu tas-sena baġitarja tal-benefiċjarju. L-ispejjeż eliġibbli għall-finanzjament la jistgħu jkunu saru qabel ma kienet iddepożitata l-applikazzjoni għall-għotja u lanqas qabel il-bidu tas-sena baġitarja tal-benefiċjarju.



**▼B***Artikolu 109*

L-għotja ma tistax tiffinanzja l-ispejjeż kollha ta' l-azzjoni, ħlief jekk dan ikun essenzjali sabiex din titwettaq.

L-għotja ma tistax tiffinanzja n-nefqa operativa kollha tal-korp benefiċjarju.

*KAPITOLU 3**Proċedura ta' għoti**Artikolu 110*

1. L-applikazzjonijiet għall-għotja għandhom jitressqu bil-miktub.
2. L-applikazzjonijiet għall-għotja għandhom ikunu eliġibbli jekk jitressqu mill-persuni li ġejjin:
  - (a) persuni ġuridiċi; applikazzjonijiet għall-għotjiet jistgħu jkunu eliġibbli jekk ippreżentati minn entitajiet mingħajr personalità ġuridika skond il-liġi nazzjonali applikabbli, dment li r-rappreżentanti tagħhom ikollhom il-kapaċità jidħlu għall-obbligi legali għan-nom tagħhom u jassumu r-responsabbiltà finanzjarja;
  - (b) persuni fiżiċi sakemm dan ikun meħtieġ min-natura jew mill-karatteristiċi ta' l-azzjoni jew ta' l-objettiv segwit mill-applikant.
3. L-għotjiet ma jistgħux jingħataw lil applikanti li, fi żmien il-proċedura ta' l-għotja, ikunu f'waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni msemmija fl-Artikoli 96(1), 97, u fil-punt (a) ta' l-Artikolu 99(2).

L-applikanti għandhom jiċċertifikaw li m'humiex f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu. Madankollu, l-uffiċjal awtorizzanti jista' joqgħod lura milli jeħtieġ tali ċertifikazzjoni għal għotjiet b'valur ferm baxx.

4. L-uffiċjal awtorizzanti jista' jimponi penali amministrattivi u finanzjarji li għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi fil-konfront ta' l-applikant.

Tali penali jistgħu jiġu imposti wkoll fuq benefiċjarji li meta jippreżentaw l-applikazzjoni jew matul l-implimentazzjoni ta' l-għotja, ikunu għamlu dikjarazzjonijiet foloz meta pprovdew l-informazzjoni meħtieġa mill-uffiċjal awtorizzanti jew naqsu milli jipprovdu din l-informazzjoni.

L-Artikolu 99 għandu japplika *mutatis mutandis*.

*Artikolu 111*

1. Il-kriterji ta' l-għażla għandhom ikunu tali li jagħmluha possibbli li tiġi valutata l-kapaċità ta' l-applikant li jikkompleta l-azzjoni proposta jew il-programm ta' ħidma propost.
2. Il-kriterji ta' l-għotja mħabbra bil-quddiem fis-sejħa għall-proposti għandhom ikunu tali li jagħmluha possibbli li tiġi valutata l-kwalità tal-proposti mressqa fid-dawl ta' l-objettivi u l-prijoritajiet stabbiliti.

**▼B***Artikolu 112*

1. Il-proposti għandhom jiġu evalwati, abbażi ta' kriterji ta' għażla u ta' għoti mħabbra minn qabel, bil-għan li jiġi determinat liema proposti jistgħu jiġu ffinanzjati.
2. L-uffiċjal awtorizzanti responsabbli mbagħad, abbażi ta' l-evalwazzjoni prevista fil-paragrafu 1, għandu jfassal il-lista tal-benefiċjarji u ta' l-ammonti approvati.
3. L-uffiċjal awtorizzanti responsabbli għandu jinforma lill-applikanti bil-miktub bid-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tagħhom. Jekk l-għotja mitluba ma tingħatax, huwa għandu jagħti r-raġunijiet għaliex l-applikazzjoni ġiet rifjutata, b'mod partikolari, b'referenza għall-kriterji ta' għażla u ta' għoti diġà mħabbra.

*KAPITOLU 4****Ħlas u kontroll****Artikolu 113*

Ir-ritmu tal-ħlasijiet għandu jiġi determinat mir-riskji finanzjarji involuti, mid-durata u l-progress ta' l-azzjoni, jew mill-ispejjeż li saru mill-benefiċjarju.

*Artikolu 114*

Jekk iqis li jkun xieraq u proporzjonat, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jista' jeħtieġ li l-benefiċjarju jiddepożita garanzija minn qabel sabiex jillimita r-riskji finanzjarji konnessi mal-ħlas tal-prefinanzjament.

*Artikolu 115*

1. L-ammont ta' l-għotja m'għandux isir finali qabel ma l-Kummissjoni tkun aċċettat ir-rapporti u l-kontabbiltà finali, mingħajr preġudizzju għal verifiki sussegwenti mill-Kummissjoni.
2. Jekk il-benefiċjarju jonqos milli jikonforma ma' l-obbligi tiegħu, l-għotja għandha tiġi sospiża jew imnaqqa jew mitmuma wara li l-benefiċjarju jkun ingħata l-opportunità li jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu.

*KAPITOLU 5****Implimentazzjoni****Artikolu 116*

1. Fejn l-implimentazzjoni ta' l-azzjoni teħtieġ l-għoti ta' kuntratti ta' akkwist mill-benefiċjarju, il-ftehim ta' l-għotja msemm fl-Artikolu 105(1) għandu jipprevedi l-proċeduri li jikkonformaw mar-regoli Komunitarji dwar l-akkwist applikabbli għall-koperazzjoni mal-pajjiżi mhux membri.

**▼B**

2. Fejn l-implimentazzjoni ta' l-azzjoni teħtieġ li jingħata appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi, il-benefiċjarju ta' għotja jista' jagħti tali appoġġ finanzjarju dment li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

- (a) l-appoġġ finanzjarju ma jkunx l-għan primarju ta' l-azzjoni;
- (b) il-kondizzjonijiet sabiex jingħata tali appoġġ huma strettament iddefiniti fid-deċiżjoni jew fil-ftehim ta' l-għotja bejn il-benefiċjarju u l-Kummissjoni, bl-ebda marġni għal diskrezzjoni;
- (ċ) l-ammonti kkonċernati huma żgħar.

3. Kull deċiżjoni jew ftehim ta' għotja għandhom jipprevedu espressament li l-Kummissjoni, l-OLAF u l-Qorti ta' l-Awdituri jeżerċitaw is-setgħat ta' kontroll tagħhom, fuq id-dokumenti u fil-post, fuq il-kuntratturi u s-subkontratturi kollha li rċevew assistenza finanzjarja mir-riżorsi tal-FEŻ.

*Artikolu 117*

Fil-kuntest ta' l-amministrazzjoni deċentralizzata, imsemmija fl-Artikoli 21 sa 24, il-Kummissjoni għandha tagħmel hiliha sabiex tinkoraġġixxi amministrazzjoni mill-Istati AKP u mill-PTB benefiċjarji li jkollha l-għan li tapplika dispożizzjonijiet ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'dan it-Titolu.

## TITOLU VIII

**PREŻENTAZZJONI TAL-KONTIJET U KONTABBILTÀ***KAPITOLU 1****Preżentazzjoni tal-kontijiet****Artikolu 118*

1. Il-Kummissjoni għandha tfassal, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju ta' kull sena, il-kontijiet tal-FEŻ li jiddeskrivu s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Fond sal-31 ta' Diċembru tas-sena preċedenti. Il-kontijiet tal-FEŻ għandhom jinkludu:

- (a) ir-rapporti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 122;
- (b) ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 123;
- (ċ) ir-rapporti finanzjarji u l-informazzjoni provduta mill-BEI skond l-Artikolu 149(2).

2. Il-kontijiet tal-FEŻ għandhom ikunu akkumpanjati minn rapport dwar l-amministrazzjoni finanzjarja tas-sena li jkun fih deskrizzjoni preċiża ta':

- (a) il-kisba ta' l-objettivi għas-sena finanzjarja, skond il-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba;
- (b) is-sitwazzjoni finanzjarja u l-avvenimenti li kellhom influwenza sinifikanti fuq l-attivitajiet imwettqa matul is-sena finanzjarja.

## ▼B

*Artikolu 119*

Il-kontijiet għandhom jikkonformaw mar-regoli u għandhom ikunu preċiżi u komprensivi. Huma għandha jippreżentaw stampa vera u ġusta rigward dan li ġej:

- (a) ir-rapporti finanzjarji, ta' l-assi u tal-piżijiet, l-ispejjeż u d-dħul, id-drittijiet u l-obbligi li ma ntwerewx bħala assi jew piżijiet, u d-dħul u l-infiq tal-flus;
- (b) ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni finanzjarja, ta' l-operazzjonijiet ta' dħul u nfiq mir-riżorsi tal-FEŻ.

*Artikolu 120*

Ir-rapporti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 122 għandhom jifasslu skond il-prinċipji tal-kontabbiltà aċċettati ġeneralment, jiġifieri:

- (a) bażi ta' negozju;
- (b) prudenza;
- (ċ) metodi konsistenti ta' kontabbiltà;
- (d) paragunabbiltà ta' l-informazzjoni;
- (e) materjalità;
- (f) non-kompensazzjoni;
- (g) realtà fuq l-apparenza;
- (h) kontabbiltà bbażata fuq l-akkumulazzjoni.

*Artikolu 121*

1. Skond il-prinċipju ta' kontabbiltà bbażata fuq l-akkumulazzjoni, ir-rapporti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 122 għandhom juru l-ispejjeż u d-dħul għas-sena finanzjarja, irrispettivament mid-data tal-ħlas jew tal-ġbir.

2. Il-valur ta' l-assi u tal-piżijiet għandu jiġi determinat skond ir-regoli ta' valutazzjoni previsti fl-Artikolu 129.

*Artikolu 122*

1. Ir-rapporti finanzjarji għandhom jitħejjew mill-uffiċjal tal-kontabbiltà u għandhom jiġu ppreżentati f'miljuni ta' euro. Huma għandhom jinkludu:

- (a) il-karta tal-bilanċ, li tirrappreżenta l-assi u r-responsabbiltajiet u s-sitwazzjoni finanzjarja u r-riżultat ekonomiku tal-FEŻ fil-31 ta' Diċembru tas-sena preċedenti; hija għandha tiġi ppreżentata skond l-istruttura stabbilita mid-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontabbiltà annwali ta' ċerti tipi ta' kumpanniji, iżda għandha titqies in-natura speċifika ta' l-attivitajiet tal-FEŻ;
- (b) it-tabella tad-dħul u l-infiq tal-flus li turi l-ammonti miġbura u minfuqa matul is-sena, il-pożizzjoni finali tat-teżor u rapport tal-bidliet fil-kapital li jkopri s-sena finanzjarja preċedenti;

**▼B**

- (ċ) tabella ta' elementi pagabbli lill-FEŻ li turi:
- (i) l-ammonti li għad iridu jiġu rkuprati fil-bidu tas-sena finanzjarja;
  - (ii) id-drittijiet stabbiliti matul is-sena finanzjarja;
  - (iii) l-ammonti rkuprati matul is-sena finanzjarja;
  - (iv) il-kanċellazzjoni tad-drittijiet stabbiliti;
  - (v) l-ammonti li għad iridu jiġu rkuprati fl-aħħar tas-sena finanzjarja.

2. L-anness għar-rapporti finanzjarji għandu jissupplimenta u jikkummenta dwar l-informazzjoni ppreżentata fir-rapporti msemmija fil-paragrafu 1 u għandu jipprovi l-informazzjoni addizzjonali kollha preskritta mill-prattika tal-kontabbiltà aċċettata internazzjonalment, fejn tali informazzjoni tkun rilevanti għall-attivitajiet tal-FEŻ.

*Artikolu 123*

1. Ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni finanzjarja għandhom jitħejjew mill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli flimkien ma' l-uffiċjal tal-kontabbiltà u għandhom jiġu ppreżentati f'miljuni ta' euro. Huma għandhom jinkludu:

- (a) il-kont tar-riżultat finanzjarju, li jstabilixxi l-operazzjonijiet finanzjarji kollha għas-sena f'termini ta' dħul u nfiq.
- (b) l-anness għall-kont tar-riżultat finanzjarju, li għandu jissupplimenta u jikkummenta dwar l-informazzjoni mogħtija f'dak il-kont.

2. Il-kont tar-riżultat finanzjarju għandu jkun fih it-tabelli li ġejjin:

- (a) tabella li tiddekrivi l-bidliet matul is-sena finanzjarja preċedenti fl-allokazzjonijiet indikati fl-anness;
- (b) tabella li turi skond l-allokazzjoni l-ammont total ta' l-impenji, il-fondi assenjati u l-ħlasijiet magħmula matul is-sena finanzjarja u l-ammonti totali aggregati mill-ftuħ tal-FEŻ;
- (ċ) tabelli li juru, skond l-allokazzjoni, il-pajjiż, it-territorju, ir-reġjun jew is-subreġjun, l-ammont totali ta' l-impenji, il-fondi assenjati u l-ħlasijiet magħmula matul is-sena finanzjarja u l-ammonti totali aggregati mill-ftuħ tal-FEŻ.

*Artikolu 124*

L-uffiċjal tal-kontabbiltà għandu jibgħat il-kontijiet proviżorji lill-Qorti ta' l-Awdituri sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu tas-sena finanzjarja segwenti.

Sa mhux aktar tard mit-30 ta' April tas-sena finanzjarja segwenti, l-uffiċjal tal-kontabbiltà għandu jibgħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti ta' l-Awdituri r-rapport, imsemmi fl-Artikolu 118(2), dwar l-amministrazzjoni finanzjarja ta' matul is-sena.



*Artikolu 125*

1. Il-Qorti ta' l-Awdituri għandha, sa l-15 ta' Ġunju, tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-kontijiet proviżorji fir-rigward tal-parti tar-riżorsi tal-FEŻ li għall-amministrazzjoni finanzjarja tagħha hija responsabbli l-Kummissjoni skond l-Artikolu 2, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tagħmel il-korrezzjonijiet meqjusa meħtieġa sabiex tfassal il-kontijiet finali.

2. L-uffiċjal tal-kontabbiltà għandu jħejji l-kontijiet finali akkumpanjati minn nota stabbilita minnu stess, li biha huwa jiddikjara li l-kontijiet tħejjew skond it-Titolu VIII u skond il-prinċipji, ir-regoli u l-metodi ta' kontabbiltà stabbiliti fl-anness għar-rapporti finanzjarji.

3. Il-Kummissjoni għandha tapprova l-kontijiet finali u tibgħathom lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti ta' l-Awdituri sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju tas-sena finanzjarja segwenti.

4. Il-kontijiet finali għandhom jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea flimkien ma' dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni mogħtija mill-Qorti ta' l-Awdituri fir-rigward tal-parti tar-riżorsi tal-FEŻ li għall-amministrazzjoni finanzjarja tagħha hija responsabbli l-Kummissjoni skond l-Artikolu 2 sal-15 ta' Novembru tas-sena finanzjarja segwenti.

*KAPITOLU 2*

***Informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tar-riżorsi tal-feż***

*Artikolu 126*

1. Il-Kummissjoni u l-BEI għandhom jimmonitorjaw, kull wieħed safejn ikun ikkonċernat, l-użu ta' l-assistenza tal-FEŻ mill-Istati AKP, mill-PTB jew minn kwalunkwe benefiċjarju ieħor, u l-implimentazzjoni tal-proġetti ffinanzjati mill-FEŻ, waqt li jqisu b'mod partikolari l-oġġettivi msemmija fl-Artikoli 55 u 56 tal-Ftehim AKP-KE u fid-dispożizzjonijiet korrispondenti tad-Deċiżjoni ta' Assoċjazzjoni lil hinn mill-Baħar.

2. Il-BEI għandu jinforma perjodikament lill-Kummissjoni rigward l-implimentazzjoni tal-proġetti ffinanzjati mir-riżorsi tal-FEŻ li jamministra, billi jsegwi l-proċeduri stabbiliti fil-linji gwida operattivi tal-Faċilità ta' Investiment.

3. Il-Kummissjoni u l-BEI għandhom jipprovdu lill-Kumitat tal-FEŻ bl-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni operattiva tar-riżorsi tal-FEŻ permezz ta' l-allokazzjonijiet nazżjonali u reġjonali stabbiliti fl-Annex. Tali informazzjoni għandha tkopri wkoll il-proġetti u l-programmi ffinanzjati mill-Faċilità ta' Investiment. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lill-Qorti ta' l-Awdituri skond l-Artikolu 11(5) u (7) tal-Ftehim Intern.

*KAPITOLU 3*

***Kontabbiltà***

*Artikolu 127*

1. Is-sistema ta' kontabbiltà hija s-sistema li sservi sabiex torganizza l-informazzjoni finanzjarja b'tali mod li ċ-ċifri jistgħu jiddaħħlu, jiġu ffajljati u reġistrati.

2. Il-kontijiet għandhom jikkonsistu f'kontijiet ġenerali u f'kontijiet finanzjarji. Dawk il-kontijiet għandhom jinżammu f'euro abbażi tas-sena kalendarja.

**▼B**

3. Iċ-ċifri fil-kontijiet ġenerali u fil-kontijiet finanzjarji għandhom jiġu stabbiliti fl-għeluq tas-sena finanzjarja sabiex ikunu jistgħu jiġu preparati l-kontijiet imsemmija fil-Kapitolu 1.

4. Minkejja l-paragrafi 2 u 3, l-uffiċjal awtorizzanti b'delega jista' jżomm kontijiet analitiċi.

*Artikolu 128*

L-uffiċjal tal-kontabbiltà għandu jkun responsabbli għall-monitoraġġ u għat-tidħil fil-kontijiet tal-ħlasijiet mill-Istati Membri u dħul ieħor.

*Artikolu 129*

1. L-uffiċjal tal-kontabbiltà għandu jadotta r-regoli u l-metodi tal-kontabbiltà applikabbli. Huwa għandu jħejji u wara li jikkonsulta lill-uffiċjal awtorizzanti b'delega, jadotta l-pjan tal-kontijiet li għandu jiġi applikat għall-operazzjonijiet tal-FEŻ.

Fit-tweġiq ta' dan, l-uffiċjal tal-kontabbiltà għandu jkun iggwidat mill-istandards tal-kontabbiltà aċċettati internazzjonalment għas-settur pubbliku. Madankollu, huwa jista' jitbiegħed minnhom fejn ikun iġġustifikat min-natura speċifika ta' l-attivitàjiet tal-FEŻ.

2. L-iskrizzjonijiet fil-kontijiet għandhom isiru abbażi tal-pjan tal-kontijiet billi tintuża nomenklatura li tagħmel distinzjoni ċara bejn il-kontijiet ġenerali u l-kontijiet finanzjarji. Il-pjan tal-kontijiet għandu jintbagħat lill-Qorti ta' l-Awdituri.

*Artikolu 130*

Il-kontijiet ġenerali għandhom jirreġistraw, f'ordni kronoloġiku bl-użu tal-metodu ta' reġistrazzjoni doppja, l-avvenimenti u l-operazzjonijiet kollha li jaffettwaw is-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja u l-assi u l-piżijiet tal-FEŻ, u li jiffurmaw il-karta ta' bilanċ tal-FEŻ.

*Artikolu 131*

1. Iċ-ċaqliq fil-kontijiet u l-bilanċi għandhom jiddaħħlu fir-reġistri tal-kontabbiltà.

2. L-iskrizzjonijiet tal-kontabbiltà kollha, inklużi l-aġġustamenti għall-kontijiet, għandhom ikunu bbażati fuq id-dokumenti ta' appoġġ, li jirrifere għalihom.

3. Is-sistema ta' kontabbiltà għandha tkun tali li tħalli traċċi għall-iskrizzjonijiet tal-kontabbiltà kollha.

*Artikolu 132*

Wara li tagħlaq is-sena finanzjarja u sad-data tal-preżentazzjoni tal-kontijiet, l-uffiċjal tal-kontabbiltà għandu jagħmel kwalunkwe aġġustament li, mingħajr ma jkun jinvolvi nfiq jew ġbir fir-rigward ta' dik is-sena, ikun meħtieġ għal preżentazzjoni vera u ġusta tal-kontijiet li tkun konformi mar-regoli.

*Artikolu 133*

1. Il-kontijiet finanzjarji għandhom jipprovdu rekord dettaljat ta' l-implimentazzjoni finanzjarja tar-riżorsi tal-FEŻ.

Il-kontijiet għandhom juru:

- (a) l-allokazzjonijiet kollha;
- (b) l-impenji kollha;
- (ċ) il-ħlasijiet u d-dejn stabbilit u l-operazzjonijiet ta' ġbir kollha għas-sena finanzjarja, b'mod sħiħ u mingħajr l-ebda aġġustament reċiproċi.

**▼B**

2. Meta l-impnjenji, il-ħlasijiet u d-dejn jiġu espressi f'valuti nazzjonali, is-sistema ta' kontabbiltà għandha tagħmilha possibbli, fejn ikun meħtieġ, li jiġu rreġistrati f'valuti nazzjonali kif ukoll f'euro.

3. L-impnjenji ddefiniti fl-Artikolu 70 għandhom jiġu rreġistrati f'euro għall-valur tad-deċiżjonijiet ta' finanzjament meħuda mill-Kummissjoni.

L-impnjenji ddefiniti fl-Artikolu 78(2) għandhom jiġu rreġistrati f'euro fl-ekwivalenti tal-valur tal-kuntratti, tal-ftehim ta' għotja u ta' l-istimi tal-programmi. Fejn ikun xieraq, dak il-valur għandu jinkludi:

- (a) provvedimenti għall-ħlas ta' spejjeż rimborżabbli hekk kif jiġu ppreżentati d-dokumenti ta' appoġġ;
- (b) provvedimenti għar-reviżjoni tal-prezzijiet u tal-kontinġenzi kif definit fil-kuntratti ffinanzjati mill-FEŻ;
- (c) provvedimenti finanzjarju għall-varjazzjonijiet fir-rati tal-kambju.

4. Il-kotba tal-kontijiet kollha li jirriferu għal meta impenn jiġi sodisfatt għandhom jinżammu għal perijodu ta' ħames snin mid-data tad-deċiżjoni li tagħti kwittanza fir-rigward ta' l-implimentazzjoni finanzjarja tar-riżorsi tal-FEŻ, imsemmija fl-Artikolu 142, li tikkonċerna s-sena finanzjarja li matulha l-impenn ingħalaq għal finijiet tal-kontabbiltà.

## TITOLU IX

## VERIFIKA ESTERNA U KWITTANZA

## KAPITOLU 1

*Dispożizzjonijiet ġenerali**Artikolu 134*

L-operazzjonijiet ifffinanzjati mir-riżorsi tal-FEŻ ġestiti mill-BEI skond l-Artikolu 3 għandhom ikunu suġġetti għall-proċeduri ta' verifika u ta' kwittanza stabbiliti fl-Istatuti tal-BEI għall-operazzjonijiet kollha tiegħu. Ir-regoli ddettaljati għall-verifika mill-Qorti ta' l-Awdituri ġew stabbiliti fil-Ftehim bejn Tliet Partijiet. Huma għandhom jinqablu mill-BEI, il-Kummissjoni u l-Qorti ta' l-Awdituri fil-Ftehim attwalment fis-seħħ jew possibbilment bi Ftehim ġdid jew kwalunkwe ftehim ieħor li jista' jissostitwih.

Fir-rigward ta' l-operazzjonijiet ifffinanzjati mir-riżorsi tal-FEŻ amministrati mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 2, il-Qorti ta' l-Awdituri għandha teżerċita s-setgħat tagħha skond dan it-Titolu.

## KAPITOLU 2

*Verifika esterna**Artikolu 135*

1. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Qorti ta' l-Awdituri, mill-aktar fis possibbli, bid-deċiżjonijiet u bir-regoli kollha adottati skond dan ir-Regolament.

2. Il-Qorti ta' l-Awdituri għandha tkun informata bil-ħatra ta' l-uffiċjali awtorizzanti, l-awdituri interni, l-uffiċjali tal-kontabbiltà u l-amministraturi tal-ħlas u bid-deċiżjonijiet ta' delega skond l-Artikoli 17, 39, 43, 48 u 89.





*Artikolu 136*

1. Fir-rigward tal-koperazzjoni ma' l-Istati AKP, il-Qorti ta' l-Awdituri, meta teżamina jekk id-dħul kollu kienx riċevut u jekk l-infiq kollu sarx b'mod legali u adatt, għandha tqis id-dispożizzjonijiet tat-Trattat, tal-Ftehim AKP-KE, il-Ftehim Intern, dan ir-Regolament u ta' l-atti l-oħra kollha adottati skond dawk l-istrumenti.

Fir-rigward tal-koperazzjoni mal-PTB, il-Qorti ta' l-Awdituri, meta teżamina jekk id-dħul kollu kienx riċevut u jekk l-infiq kollu sarx b'mod legali u adatt, għandha tqis id-dispożizzjonijiet tat-Trattat, tad-Deċiżjoni ta' Assoċjazzjoni lil hinn mill-Baħar, ta' dan ir-Regolament u l-atti l-oħra kollha applikabbli.

2. Meta tkun qed twettaq il-kompitu tagħha, il-Qorti ta' l-Awdituri għandu tkun intitolata li tikkonsulta, bil-mod previst fl-Artikolu 138 (4) u (5), id-dokumenti u l-informazzjoni kollha relatati ma' l-amministrazzjoni finanzjarja tad-dipartimenti jew tal-korpi fir-rigward ta' l-operazzjonijiet ifffinanzjati jew kofinanzjati mir-riżorsi tal-FEŻ. Hija għandu jkollha s-setgħa li tistħarreġ kwalunkwe uffiċjal responsabbli minn operazzjoni ta' dħul jew ta' nfiq u li tuża kwalunkwe waħda mill-proċeduri ta' verifika xierqa għad-dipartimenti jew għall-korpi msemmija hawn fuq.

Sabiex tikseb l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex twettaq il-kompitu tagħha, il-Qorti ta' l-Awdituri tista' tkun preżenti, meta hija titlob dan, waqt li jitwettqu l-operazzjonijiet ta' verifika fil-qafas ta' l-implimentazzjoni finanzjarja minn, jew f'isem il-Kummissjoni.

Fuq it-talba tal-Qorti ta' l-Awdituri, il-Kummissjoni għandha tawtorizza lill-istituzzjonijiet finanzjarji li għandhom depożiti tal-FEŻ sabiex jippermettu lill-Qorti ta' l-Awdituri tiżgura li d-data esterna taqbel mal-kontijiet.

Meta tkun qed twettaq il-kompitu tagħha, il-Qorti ta' l-Awdituri għandha tinnotifika lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet li għalihom japplika dan ir-Regolament bl-ismijiet tal-membri tal-persunal tagħha li ngħataw is-setgħa li jivverifikawhom.

*Artikolu 137*

Il-Qorti ta' l-Awdituri għandha tiżgura li t-titoli u l-flus iddepożitati jew fl-idejn kollha jiġu kontrollati ma' rċevuti ffirmati mid-depożitarji jew ma' memoranda uffiċjali tal-flus u tat-titoli miżmuma. Il-Qorti tista' twettaq tali verifiki hija stess.

*Artikolu 138*

1. Il-Kummissjoni, il-korpi li jamministraw id-dħul jew l-infiq għannom tal-FEŻ u l-benefiċjarji finali tal-ħlasijiet mir-riżorsi tal-FEŻ għandhom jagħtu lill-Qorti ta' l-Awdituri l-faċilitajiet kollha u jagħtuha l-informazzjoni kollha li l-Qorti ta' l-Awdituri tqis meħtieġa sabiex twettaq il-kompitu tagħha. Huma għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Qorti ta' l-Awdituri d-dokumenti kollha li jikkonċernaw l-għoti u t-twettiq tal-kuntratti u l-kontijiet kollha ta' flus jew ta' materjali, il-kotba tal-kontijiet kollha jew id-dokumenti ta' appoġġ, kif ukoll id-dokumenti amministrattivi relatati magħhom, id-dokumenti kollha relatati mad-dħul u l-infiq, l-inventarji kollha, l-organigrammi kollha tad-dipartimenti, li l-Qorti ta' l-Awdituri tqis li huma meħtieġa sabiex ikun ivverifikat ir-rapport tar-riżultat finanzjarju abbażi ta' rekords jew fil-post u, għall-istess finijiet, id-dokumenti u d-data kollha maħluqa jew miżmuma fuq mezz manjetiku.

**▼B**

L-ewwel subparagrafu għandu japplika wkoll għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jirċievu ħlasijiet mir-riżorsi tal-FEŻ.

2. L-uffiċjali li jiġu kkontrollati l-operazzjonijiet tagħhom mill-Qorti ta' l-Awdituri għandhom:

- (a) juru r-rekords tagħhom tal-flus fl-idejn, kwalunkwe flus kontanti, titolu u materjal ieħor ta' kull tip, kif ukoll id-dokumenti ta' appoġġ fir-rigward ta' l-amministrazzjoni tagħhom tal-fondi li ġew fdati lilhom u wkoll kwalunkwe ktieb, reġistru u dokument ieħor relatati magħhom;
- (b) jippreżentaw il-korrispondenza jew kwalunkwe dokument ieħor meħtieġ għall-implimentazzjoni sħiħa tal-verifika msemmija fil-paragrafu 1. L-informazzjoni pprovduta skond l-ewwel sentenza ta' dan il-punt tista' tintalab biss mill-Qorti ta' l-Awdituri.

3. Il-Qorti ta' l-Awdituri għandha tingħata s-setgħa li tivverifika d-dokumenti fir-rigward tad-dħul u l-infiq tal-FEŻ li jkunu qed jinżammu mid-dipartimenti responsabbli tal-Kummissjoni.

4. Il-kompitu li jiġi stabbilit li d-dħul ikun rċevut u li l-infiq sar b'mod legali u xieraq u li l-amministrazzjoni finanzjarja kienet tajba għandu jiġi estiż għall-użu, mill-korpi barra mill-Kummissjoni, tar-riżorsi tal-FEŻ bħala għotjiet.

5. Il-finanzjament mir-riżorsi tal-FEŻ imħallas lil benefiċjarji barra mill-Kummissjoni għandu jkun suġġett għall-ftehim bil-miktub mill-benefiċjarji jew, jekk dawn ma jiftiehmux, mill-kuntratturi jew mis-subkuntratturi, għal verifika mill-Qorti ta' l-Awdituri ta' l-użu li sar mill-finanzjament mogħti.

6. L-użu ta' sistemi integrati tal-kompjuter m'għandux ikollu l-effett li jnaqqas l-aċċess tal-Qorti ta' l-Awdituri għad-dokumenti ta' appoġġ.

7. L-awtoritajiet nazzjonali ta' verifika ta' l-istati AKP għandhom ikunu mħeġġa sabiex jipparteċipaw fil-ħidma tal-Qorti ta' l-Awdituri.

#### *Artikolu 139*

1. Ir-rapport annwali tal-Qorti ta' l-Awdituri għandu jkun regolat minn dan l-Artikolu.

2. Il-Qorti ta' l-Awdituri għandha tittrasmetti lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ġunju, kwalunkwe osservazzjoni li, fl-opinjoni tagħha, tkun tali li għandha tidher fir-rapport annwali. Dawn l-osservazzjonijiet iridu jibqgħu kunfidenzjali. Il-Kummissjoni għandha tindirizza t-tweġibiet tagħha lill-Qorti ta' l-Awdituri sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ottubru.

3. Ir-rapport annwali għandu jkun fih valutazzjoni ta' kemm hi tajba l-amministrazzjoni finanzjarja.

4. Il-Qorti ta' l-Awdituri tista' żżid kwalunkwe rapport sommarju jew kwalunkwe osservazzjoni ġenerali li jidrilha xieraq tagħmel.

5. Il-Qorti ta' l-Awdituri għandha tieħu l-passi kollha meħtieġa sabiex tiżgura li t-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-osservazzjonijiet tagħha jiġu ppubblikati immedjatament wara l-osservazzjonijiet relatati magħhom.

6. Il-Qorti ta' l-Awdituri għandha tgħaddi lill-awtoritajiet responsabbli sabiex jagħtu kwittanza u lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mill-15 ta' Novembru, ir-rapport annwali tagħha akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Kummissjoni u għandha tiżgura l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

## ▼B

*Artikolu 140*

1. Il-Qorti ta' l-Awdituri għandha tinnotifika lill-Kummissjoni bl-osservazzjonijiet kollha li, fl-opinjoni tagħha, ikunu tali li għandhom jidhru frapport speċjali. Dawn l-osservazzjonijiet iridu jibqgħu kunfidenzjali.

Il-Kummissjoni għandu jkollha xahrejn u nofs żmien sabiex tinforma lill-Qorti ta' l-Awdituri bi kwalunkwe kumment li tixtieq tagħmel dwar l-osservazzjonijiet in kwistjoni.

Il-Qorti ta' l-Awdituri għandha tadotta l-verżjoni definittiva tar-rapport speċjali in kwistjoni fix-xahar segwenti.

2. Ir-rapporti speċjali msemmija fil-paragrafu 1, flimkien mat-tweġibiet tal-Kummissjoni, għandhom jiġu mgħoddija lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mingħajr dewmien, u kull wieħed minnhom għandu jiddeċiedi, fejn xieraq flimkien mal-Kummissjoni, liema azzjoni għandha tittieħed bħala risposta.

Jekk il-Qorti ta' l-Awdituri tiddeċiedi li tippubblika kwalunkwe wieħed minn tali rapporti speċjali fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, dawn għandhom ikunu akkumpanjati mit-tweġibiet tal-Kummissjoni.

3. Il-Qorti ta' l-Awdituri, fuq it-talba ta' waħda mill-istituzzjonijiet l-oħra, tista' toħroġ opinjonijiet dwar kwistjonijiet relatati mal-FEŻ.

*Artikolu 141*

Fl-istess żmien tar-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 139, il-Qorti ta' l-Awdituri għandha tippovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet sottostanti.

*KAPITOLU 3****Kwittanza****Artikolu 142*

1. Qabel il-15 ta' Mejju tas-sena N + 2, il-Parlament Ewropew, fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, għandu jagħti kwittanza lill-Kummissjoni fir-rigward ta' l-implimentazzjoni finanzjarja għas-sena N tar-riżorsi tal-FEŻ, li tamministra skond l-Artikolu 2.

2. Jekk id-data prevista fil-paragrafu 1 ma tistax tintlaħaq, il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill għandu jinforma lill-Kummissjoni bir-raġunijiet għall-posponiment.

3. Jekk il-Parlament Ewropew jipposponi d-deċiżjoni li tagħti kwittanza, il-Kummissjoni għandha tagħmel kull sforz sabiex tieħu miżuri, mill-aktar fis possibbli, sabiex tneħħi jew tiffaċilita t-tneħħija ta' l-ostakoli għal dik id-deċiżjoni.

*Artikolu 143*

1. Id-deċiżjoni ta' kwittanza għandha tkopri l-kontijiet imsemmija fl-Artikolu 118, ħlief il-parti mill-kontijiet ipprovduta mill-BEI skond l-Artikolu 149(2).

2. Bil-għan li jagħti l-kwittanza, il-Parlament Ewropew, wara li jkun għamel hekk il-Kunsill, għandu jeżamina l-kontijiet imsemmija fl-Artikolu 118. Huwa għandu jeżamina wkoll ir-rapport annwali magħmul mill-Qorti ta' l-Awdituri flimkien mat-tweġibiet tal-Kummissjoni, kwalunkwe rapport speċjali rilevanti mill-Qorti ta' l-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja in kwistjoni kif ukoll id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet sottostanti.

**▼B**

3. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, fuq it-talba ta' dan ta' l-aħħar, kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għall-kontroll ta' l-implimentazzjoni tar-riżorsi tal-FEŻ amministrati mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 2 għas-sena in kwistjoni.

L-aċċess għal informazzjoni kunfidenzjali u l-arranġamenti sabiex tkun immaniġġjata għandhom jikkonformaw mad-drittijiet fundamentali, mal-protezzjoni tas-segretezza tan-negozju, mad-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-proċedimenti ġudizzjarji u dixxiplinarji u l-interessi Komunitarji.

*Artikolu 144*

1. Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-passi kollha meħtieġa sabiex taġixxi fuq l-osservazzjonijiet li jakkumpanjaw id-deċiżjoni ta' kwittanza tal-Parlament Ewropew u dwar il-kummenti li jakkumpanjaw ir-rakkomandazzjoni għall-kwittanza adottata mill-Kunsill.

2. Fuq it-talba tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar il-miżuri meħuda fid-dawl ta' dawk l-osservazzjonijiet u l-kummenti, u, partikolarment, dwar l-istruzzjonijiet mogħtija lil dawk id-dipartimenti tagħha li huma responsabbli għall-implimentazzjoni finanzjarja tar-riżorsi tal-FEŻ. Dak ir-rapport għandu jiġi mgħoddi ukoll lill-Qorti ta' l-Awdituri.

3. Id-deċiżjoni li tagħti l-kwittanza għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

**▼M1***Artikolu 144a*

Is-SEAE għandu jkun kompletament soġġett għall-proċeduri previsti fl-Artikolu 142, 143 u 144. Is-SEAE għandu jikkopera bis-sħiħ mal-istituzzjonijiet involuti fil-proċedura ta' kwittanza u jipprovdi, kif jixraq, kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa, inkluż permezz tal-attenzenza f'laqgħat tal-korpi rilevanti.

**▼B**

## IT-TIENI PARTI

**DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI DWAR IR-RIŻORSI TAL-FEŻ AMMINISTRATI MILL-BEI***Artikolu 145*

Kull sena, qabel l-1 ta' Settembru, il-BEI għandu jibgħat lill-Kummissjoni l-istimi tiegħu għall-impjenji u għall-ħlasijiet, li jkunu meħtieġa sabiex titfassal il-komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Ftehim Intern, fir-rigward ta' l-operazzjonijiet tal-Faċilità ta' Investiment, inklużi s-sussidji għar-rata ta' l-interessi, skond il-Ftehim Intern.

Il-BEI għandu jibgħat lill-Kummissjoni stimi aġġornati ta' l-impjenji u tal-ħlasijiet meta jitqies li jkunu meħtieġa. Il-modalitajiet għandhom jiġu definiti fil-ftehim ta' amministrazzjoni msemmi fl-Artikolu 152.

*Artikolu 146*

1. Il-kontribuzzjonijiet msemmija fl-Artikolu 58 u adottati mill-Kunsill għandhom jitħallsu mingħajr spiża għall-benefiċjarju mill-Istati Membri lill-BEI permezz ta' kont speċjali miftuħ mill-BEI fisem il-Faċilità ta' Investiment skond ir-regoli dettaljati stabbiliti fil-ftehim ta' amministrazzjoni previst fl-Artikolu 152.

**▼B**

2. Ħlief fejn il-Kunsill jiddeċiedi mod ieħor rigward ir-remunerazzjoni tal-BEI skond l-Artikolu 5 tal-Ftehim Intern, il-qligħ li jirċievi l-Bank permezz tal-bilanċ tal-kreditu tal-kontijiet speċjali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jiġi jissupplimenta lill-Faċilità ta' Investiment u għandu jittieħed kont tiegħu għas-sejthiet għal kontribuzzjoni imsemmija fl-Artikolu 57.

3. Kwalunkwe dritt li jirriżulta mill-operazzjonijiet imwettqa mill-BEI bl-użu tar-riżorsi tal-FEŻ, u partikolarment id-drittijiet bħala kreditur jew sid, għandhom jiġu eżerċitati mill-Istati Membri.

4. Il-BEI għandu jieħu ħsieb l-amministrazzjoni tat-teżor ta' l-ammonti msemmija fil-paragrafu 1 skond ir-regoli dettaljati stabbiliti fil-ftehim ta' amministrazzjoni previst fl-Artikolu 152.

5. Il-Faċilità ta' Investiment għandha tiġi amministrata skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim AKP-KE, fid-Deċiżjoni dwar Assoċjazzjoni lil hinn mill-Baħar u fil-Ftehim Intern.

*Artikolu 147*

Il-BEI għandu jiġi remunerat b'indennizz sħiħ għall-amministrazzjoni ta' l-operazzjonijiet tal-Faċilità ta' Investiment. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar ir-riżorsi u l-mekkaniżmi għar-remunerazzjoni tal-Bank skond l-Artikolu 5(2) tal-Ftehim Intern. Il-miżuri li jimplementaw dik id-deċiżjoni għandhom jiġu inkorporati fil-ftehim ta' amministrazzjoni previst fl-Artikolu 152.

*Artikolu 148*

Il-BEI għandu jinforma regolarment lill-Kummissjoni bl-operazzjonijiet imwettqa taħt il-Faċilità ta' Investiment, inklużi s-sussidji għar-rata ta' l-interessi, bl-użu li jsir minn kull sejħa għall-kontribuzzjonijiet mħallsa lill-BEI u, partikolarment, bl-ammonti trimestrali totali ta' l-impenji, il-kuntratti u l-ħlasijiet, skond ir-regoli dettaljati stabbiliti fil-ftehim ta' amministrazzjoni previst fl-Artikolu 152.

*Artikolu 149*

1. Il-BEI għandu jżomm il-kontijiet tal-Faċilità ta' Investiment, inklużi s-sussidji għar-rata ta' l-interessi, ifffinanzjati mill-FEŻ sabiex tiġi pprovduta traċċa għaċ-ċiklu sħiħ tal-fondi, minn meta jkunu rċevuti sa meta jsir il-ħlas u mbagħad sad-dħul li jingħata bidu għalih u kwalunkwe rkupru sussegwenti. Il-BEI għandu jfassal ir-regoli u l-metodi tal-kontabbiltà rilevanti skond l-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà u għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri b'dan.

2. Kull sena l-BEI għandu jibgħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni rapport dwar l-implimentazzjoni ta' l-operazzjonijiet ifffinanzjati mir-riżorsi tal-FEŻ taħt l-amministrazzjoni tiegħu, inklużi r-rapporti finanzjarji mfassla skond ir-regoli u l-metodi msemmija fil-paragrafu 1 u l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 125(2).

Dawk id-dokumenti għandhom jitressqu f'forma ta' abbozz mhux sa aktar tard mit-28 ta' Frar u fil-verżjoni finali tagħhom sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju tas-sena finanzjarja segwenti, sabiex ikunu jistgħu jintużaw mill-Kummissjoni fit-tħejjija tal-kontijiet msemmija fl-Artikolu 118 ta' dan ir-Regolament skond l-Artikolu 11(6) tal-Ftehim Intern. Ir-rapport dwar l-amministrazzjoni finanzjarja tar-riżorsi amministrati mill-BEI għandu jitressaq minn dan ta' l-aħħar quddiem il-Kummissjoni sa mhux akbar tard mill-31 ta' Marzu tas-sena finanzjarja segwenti.



*Artikolu 150*

Ir-regoli tal-BEI stess għandhom japplikaw għall-kuntratti ffinanzjati mir-riżorsi tal-FEŻ li jkun qiegħed jamministra.

*Artikolu 151*

Fejn il-programmi jew il-proġetti jiġu kofinanzjati mill-Istati Membri jew mill-korpi implimentattivi tagħhom u jikkorrispondu għall-prijoritajiet stabbiliti fl-Istrateġiji ta' Koperazzjoni għal kull Pajjiż previsti fir-Regolament implimentattiv previst fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 10(1) tal-Ftehim Intern u fl-Artikolu 20 tad-Deċiżjoni ta' Assoċjazzjoni lil hinn mill-Baħar, il-BEI jista' jafda r-responsabbiltà għall-amministrazzjoni ta' l-għajnuna Komunitarja lill-Istati Membri jew lill-korpi implimentattivi tagħhom.

*Artikolu 152*

Ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' din il-Parti għandhom ikunu s-suġġetti ta' ftehim ta' amministrazzjoni bejn il-Kummissjoni, li taġixxi għan-nom tal-Komunità, u l-BEI.

IT-TIELET PARTI

**DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI U FINALI**

TITOLU I

**DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI**

*KAPITOLU 1*

***Trasferiment tal-bilanċi li jifdal minn feż preċedenti***

*Artikolu 153*

It-trasferiment lill-10 FEŻ tal-bilanċi li jifdal minn riżorsi kostitwiti skond il-Ftehim Interni relatati mas-7<sup>(1)</sup>, mat-8<sup>(2)</sup> u mad-9<sup>(3)</sup> FEŻs (minn hawn 'il quddiem se jissejħu "FEŻ preċedenti") għandhom isiru skond l-Artikolu 1(2)(b), (3) u (4) tal-Ftehim Intern.

*Artikolu 154*

Il-bilanċ tad-dħul ġej mill-interessi fuq ir-riżorsi ta' FEŻ preċedenti għandu jiġi trasferit lill-10 FEŻ u jiġi allokat għall-istess finijiet bħad-dħul previst fl-Artikolu 1(6) tal-Ftehim Intern. L-istess għandu japplika għad-dħul mixxellanju minn FEŻ preċedenti li jinkludu, per eżempju, l-interessi għad-dewmien riċevuti fil-każ ta' ħlas tard tal-kontribuzzjonijiet ta' dawk il-FEŻ mill-Istati Membri u l-interessi ġenerati mir-riżorsi tal-FEŻ amministrati mill-BEI.

<sup>(1)</sup> ĠU L 229, 17.8.1991, p. 288.

<sup>(2)</sup> ĠU L 156, 29.5.1998, p. 108.

<sup>(3)</sup> ĠU L 83, 1.4.2003, p. 1.



## KAPITOLU 2

### *Bilançi li jifdal minn feż preċedenti*

#### *Artikolu 155*

L-ammonti minn proġetti taħt id-9 FEŻ jew minn FEŻ preċedenti mhux impenjati skond l-art. 1(3) tal-Ftehim Intern, jew diżimpenjati jekk mhux deċiż mod ieħor mill-Kunsill unanimament skond l-art. 1(4) tal-Ftehim Intern, għandhom inaqqsu l-parti tal-kontribuzzjonijiet ta' l-Istati Membri ddikjarati fl-Artikolu 1(2)(a) tal-Ftehim Intern.

L-impatt fuq il-kontribuzzjoni ta' kull Stat Membru għandu jkun ikkalkolat bi proporzjon għall-kontribuzzjoni ta' kull Stat Membru għad-9 FEŻ. L-impatt se jiġi kkalkolat kull sena u għall-ewwel darba fis-sena wara r-reviżjoni tal-prestazzjoni ta' l-2010 prevista fl-Anness Ib għall-Ftehim AKP-KE.

## KAPITOLU 3

### *Regoli applikabbli għall-implimentazzjoni tal-feż preċedenti*

#### *Artikolu 156*

Id-dispożizzjonijiet ta' l-10 FEŻ dwar l-atturi finanzjarji, l-operazzjonijiet tad-dħul, il-validazzjoni, l-awtorizzazzjoni u l-ħlas ta' l-infiq, is-sistemi ta' l-IT, il-preżentazzjoni tal-kontijiet u l-kontabbiltà, u kif ukoll il-verifika esterna u l-kwittanza japplikaw ukoll għal operazzjonijiet iffinanzjati minn FEŻ preċedenti.

## KAPITOLU 4

### *Perijodu tranżizzjonali*

#### *Artikolu 157*

Il-proċedura li tikkonċerna l-kontribuzzjonijiet ta' l-Istati Membri stabbiliti fl-Artikoli 57 sa 61 għandha tapplika għall-ewwel darba għall-kontribuzzjonijiet tas-sena N + 2, bil-kondizzjoni li l-10 FEŻ jidħol fis-seħħ bejn l-1 ta' Ottubru tas-sena N u- t-30 ta' Settembru tas-sena N + 1.

#### *Artikolu 158*

Id-database ċentrali msemmija fl-Artikolu 98 għandha tiġi stabbilita sa l-1 ta' Jannar 2009.

## TITOLU II

### **DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

#### *Artikolu 159*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika għall-istess perijodu bħall-Ftehim Intern.